# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA**
**LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, it-Tlieta, 3 ta' Ottubru, 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 75/2002 BS**

**Emanuel Grima u b'digriet tas-17 ta' Jannar 2018, il-ġudizzju ġie trasfuż minn fuq Emanuel Grima li miet fil-mori tal-kawża għal fuq isem Raymond Grima in rappreżentanza tal-imsiefra Anuata Grima, Joseph Grima, Joanne Vai, Stella Charlene Manuke-Aarchibald, u Carmen Bestia; Giovanna xebba Grima; Catherine armla ta' Michael Aquilina; u b'digriet tat-13 ta' Jannar 2009 il-ġudizzju ġie trasfuż minn isem Catherine armla ta' Michael Aquilina li mietet fil-mori tal-kawża għal isem Helen Grech, Victor Aquilina, Alfred Aquilina, Paul Aquilina, Maria Aquilina, Joyce Gilialacorte, Michael Aquilina, Marthese Aquilina, Romina Aquilina u Abigail Aquilina; Joe Grima; Lilian Valletta u Raymond Grima, u l-istess Emmanuel Grima bħala mandatarju tal-imsefrin Charles Grima; u b'digriet tat-13 ta' Jannar 2009 il-ġudizzju ġie trasfuż minn isem Charles Grima, li miet fil-mori tal-kawża għal isem Philip Grima, George Grima, John Grima u Victor Grima; u b'digriet tal-4 ta' Diċembru 2018 il-ġudizzju ġie trasfuż minn fuq Joseph John Grima għal fuq Raymond Grima in rappreżentanza tal-imsiefrin Philip Grima u Doreen Grima; Joseph Grima; Joyce mart John Saxty u John Grima**

**-vs-**

**Mary Jane Cassar**

**u b'digriet tat-2 ta' Marzu, 2022 il-ġudizzju ġie trasfuż minn isem il-konvenuta Mary Jane Cassar għal-isem uliedha Joseph, John, Eugenio u Carmen Cutajar aħwa ġermani Cassar stante l-mewt tal-konvenuta Mary Jane Cassar.**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat iċ-ċitazzjoni tal-atturi[1] illi ppremettew:**

Peress illi l-atturi jippossjedu in komun flimkien mal-konvenuta porzjon ta' art fi Triq it-Torri Tinghi, ix-Xewkija, Għawdex, magħrufa bħala "Tat-Tinghi" jew "Iċ-Ċens" jew "Ta' Tramakku" bil-kejl ta' ċirka mitejn u ħamsa u tmenin metri kwadri (285 m.k.) li tmiss mix-xlokk mat-triq, mill-punent ma' beni ta' John Pace murija bil-lewn isfar fil-pjanta hawn annessa bħala Dok. A;

Peress illi minn din l-art l-atturi jipprossjedu in-nofs indiviż u l-konvenuta tippossjedi r-rimanenti f'nofs indiviż;

Peress illi l-atturi ma jixtiequx [sic] jibqgħu iktar f'dan l-istat ta' komunjoni flimkien mal-konvenuta;

Peress illi l-konvneuta qed tippretendi li din l-art tappartjeni interament lilha u qed tirrifjuta li taddivjeni għal qasma bonarja tal-istess;

**Talbu għalhekk lil din il-Qorti:**

1. Tiddikjara, jekk hemm bżonn, li l-atturi huma l-proprjetarji tan-nofs indiviż tal-art fuq deskritta;

2. Konsegwentement tordna l-qasma u diviżjoni ta' l-istess [sic] immobbli u dan billi din tinqasam f'żewġ porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda lill-atturi u l-oħra lill-konvenuta;

[1] Citazzjoni a fol 1 sa 4 b'dokument anness a fol 5.

3. Taħtar nutar sabiex jippubblika l-att opportun ta' diviżjoni f'data, ħin u lok li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti bl-intervent ta' kuraturi maħtura sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi;

4. Kemm il-darba [sic] jirriżulta li din l-art mhux diviżibbli f'żewġ porzjonijiet, dawn il-kwoti allura tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' [sic] l-istess immobbli r-rikavat ikun jista' jinqasam u jiġi pperċepit mill-partijiet fil-kwoti fuq imsemmija.

Bl-ispejjez, inklużi dawk tal-ittri interpellatorji datati 7 ta' Marzu 2002 u 13 ta' Mejju 2002, tal-ittri uffiċjali spediti f'Awwissu 2000 u f'Diċembru 2001.

Il-konvenuta mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed tiġi inġunta.

**Rat** id-dikjarazzjoni tal-atturi.[2]

**Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta[3] illi eċċepiet:**

1. In linea preliminari u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti, l-konvenuta teċċepixxi l-preskrizzjoni decennale taħt l-artikoli 2140 u l-preskrizzjoni trentennale taħt l-artikolu 2143 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi l-atturi ivvantaw [sic] id-dritt tagħhom riċentement u dan a bażi ta' kuntratt ta' assenjazzjoni tal-ħmistax (15) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u sitta u għoxrin (1926) fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo; liema kuntratt però qatt ma ġie konsegwit bil-pussess tal-istess porzjon art minn naħa tal-predeċessuri tal-atturi;

3. Mingħajr preġudizzju għall-premess, il-konvenuta teċċepixxi illi hija allegazzjoni inveritiera u falza illi l-atturi u anke l-antenati tagħhom kienu xi darba jew oħra jipposjedu l-imsemmija porzjon raba' flimkien u in komun magħha. Għall-kuntrarju l-attriċi kif ukoll il-predeċessur tagħha kien ilhom jipposjedu l-imsemmija porzjon raba' bħala s-sid u bl-aktar mod pjen u totali u għad esklużjoni ta'

[2] Dikjarazzjoni a fol 3.
[3] Nota tal-eccezzjonijiet a fol 10 sa 12.

kullħadd [sic] inklużi l-atturi u l-predeċessuri tagħhom għall-aktar minn ħamsin sena.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Rat** id-dikjarazzjoni tal-konvenuta.[4]

**Rat ir-risposta b'eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuta[5] illi eċċepiet ulterjorment:**

1. Bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra ġia' mqajma, l-esponenti qiedgħa teċċepixxi wkoll il-preskrizzjoni akkwiżittiva ai termini tal-Artikolu 2144 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Fliet l-atti.**

**Rat** il-pjanta tal-porzjon art ossia raba' in mertu ossia l-art fi Triq it-Torri Tinghi, ix-Xewkija, Għawdex, magħrufa bħala "Tat-Tinghi" jew "Iċ-Ċens" jew "Ta' Tramakku", bil-kejl ta' ċirka mitejn u ħamsa u tmenin metri kwadri (285 m.k.).[6]

**Rat** li fl-udjenza tal-14 ta' Jannar, 2003 il-partijiet qablu sabiex jiġu nvertiti l-provi b'dan li l-ewwel tiġi trattata l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta.[7]

**Rat** li fl-udjenza tal-15 ta' Jannar, 2008[8] u b'rikors tat-22 ta' Diċembru, 2008[9] il-Qorti kif diversament presjeduta ġiet infurmata li mietu l-atturi Charles Grima u Catherine Aquilina.[10] Rat ukoll ir-risposta tal-konvenuta għat-talba għall-leġittimazzjoni tal-atti.[11]

[4] Dikjarazzjoni a fol 11.
[5] Risposta ulterjuri a fol 310.
[6] Pjanta a fol 5.
[7] Verbal a fol 13.
[8] Verbal a fol 58, certifikat tal-mewt esteru a fol 71, ricerka testamentarja a fol 72 u 73.
[9] Rikors a fol 66.
[10] Rikors a fol 66, certifikat tal-mewt a fol 68, ricerka testamentarja a fol 69 u 70
[11] Risposta a fol 75.

**Rat** li b'digriet tat-13 ta' Jannar, 2009 il-Qorti kif diversament presjeduta laqgħat it-talba għall-leġittimazzjoni tal-atti mill-eredi ta' Charles Grima u Catherine Aquilina.[12]

**Rat** li minkejja li saru diversi tentattivi ta' transazzjoni bejn il-partijiet,[13] l-istess ma' ntlaħqietx bil-Qorti kif diversament presjeduta prosegwiet bil-ġbir tal-provi.[14]

**Rat** li b'nota tal-konvenuta tas-7 ta' Marzu, 2014 ġiet eżebita kopja awtentikata ta' ċedola ta' fidi ta' ċens preżentata fir-Reġistru tal-Qorti nhar it-22 ta' Novembru, 1983.[15]

**Rat** li fl-udjenza tat-18 ta' Marzu, 2014 il-Qorti kif diversament presjeduta laqgħat talba tal-konvenuta sabiex isir aċċess fir-raba' in mertu.[16]

**Rat** li fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru, 2014 il-Qorti kif diversament presjeduta ġiet infurmata li miet l-attur Emmanuel Grima.[17] Rat li fin-nuqqas ta' rikors b'talba għal-leġittimazzjoni tal-atti, sar rikors tal-konvenuta b'talba għall-ħatra ta' kuratur sabiex jirrapreżenta l-wirt ġjaċenti ta' Emmanuel Grima.[18] Rat li l-Qorti kif diversament presjeduta awtorizzat il-ħruġ tal-bandi opportuni.[19]

**Rat** li minkejja d-digriet u l-ordni relattivi għal-wirt ġjaċenti tal-attur Emmanuel Grima, b'rikors tat-22 ta' Ġunju, 2017 saret talba għall-leġittimazzjoni u trasfuzzjoni tal-atti wara li diversi mill-atturi mietu fil-mori tal-proċeduri.[20]

---

[12] Digriet a fol 76.

[13] Ref. verbal tal-4 ta' Frar, 2005 a fol 47, verbal tat-18 ta' Mejju, 2010 a fol 86, verbal tal-1 ta' Novembru, 2012 a fol 99, u verbal tad-29 ta' Ottubru, 2013 a fol 104.

[14] Ref verbal a fol 104.

[15] Nota a fol 130 u cedola a fol 131 u 132. Ic-cedola giet prezentata ghal darb'ohra b'nota ulterjuri tal-konvenuta tat-12 ta' Marzu, 2021 – nota a fol 313 u 314 u cedola a fol 332. Ic-cedola turi fidi ta' cens maghmul minn Francesca u Catherina mart Ganni Debrincat, ahwa Pace, ulied il-mejtin Giuseppi u Giuseppa nee' Saliba fil-konfront tal-Eccellenza tieghu l-Monsinjur Isqof Nikol Cauchi fil-kwalita' tieghu ta' Amministratur tal-Massa Kapitolari tal-Katidral ta' Ghawdex rigward ic-cena pagabbli fuq il-porzjon art "Tal-Makku", limiti tax-Xewkija, Ghawdex bil-kejl ta' cirka 560m.k.

[16] Verbal a fol 144.

[17] Verbal a fol 168.

[18] Rikors a fol 181.

[19] Digriet a fol 182, ordni relattiv a fol 186

[20] Rikors a fol 201 u 202 b'dokumenti varji a fol 203 sa 217, inkluz certifikat tal-mewt mill-esteru rigward John Grima a fol 205, certifikat tal-mewt ta' Philip Aquilina a fol 208, dikjarazzjoni *causa mortis* dwar Philip Aquilina a fol 209 sa 211, certifikat tal-mewt mill-esteru rigward Emanuel Grima a fol 212, certifikat tal-mewt ta' Giovanna Grima a fol 213, testment ta' Giovanna Grima a fol 214 sa 217.

**Rat** in-nota addizzjonali tas-7 ta' Novembru, 2017 li biha l-atturi eżebew iċ-ċertifikati tar-riċerki testamentarji dwar Emmanuel Grima.[21]

**Rat** ir-rikors addizzjonali tal-atturi tas-17 ta' Jannar, 2018 dwar l-eredi ta' Emmanuel Grima.[22]

**Rat** li b'digriet tas-17 ta' Jannar, 2018[23] u verbal tal-4 ta' Diċembru, 2018[24] il-Qorti kif diversament presjeduta laqgħat it-talba tal-atturi għall-leġittimazzjoni u t-trasfużjoni tal-atti ta' min mill-atturi u l-eredi tagħhom miet fil-mori f'isem l-eredi jew rappreżentanti lokali tagħhom.

**Rat** li fl-udjenza tal-4 ta' Diċembru, 2018 l-atturi ddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.[25]

**Rat** li b'rikors tat-3 ta' Ottubru, 2019 l-atturi talbu l-ħatra ta' perit tekniku sabiex isir pjan ta' diviżjoni jew, f'każ li l-art in mertu tirriżulta mhux komodament diviżibbli, issir stima tagħha.[26]

**Rat** li fl-udjenza tat-18 ta' Frar, 2021 il-konvenuta qajmet eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni akkwisittiva ai termini tal-Artikolu 2144 tal-Kap. 16 bil-kawża ġiet differita għal-provi dwar din l-eċċezzjoni ulterjuri.[27]

**Rat** ir-risposta ulterjuri tal-konvenuta bl-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni akkwisittiva ai termini tal-Artikolu 2144 tal-Kap. 16.[28]

**Rat** in-nota spjegattiva tal-konvenuta tat-12 ta' Marzu, 2021 li biha eżebit dokumenti varji.[29]

---

21 Nota a fol 219 bic-certifikati a fol 220 u 221.
22 Rikors a fol 223 b'dokumenti a fol 224 sa 228 inkluz ic-certifikat tal-mewt mill-esteru ta' wiehed mill-ulied ta' Emmanuel Grima, David Jason Grima a fol 225. Ref ukoll ir-rikors tal-atturi dwar David Jason Grima a fol 231, u r-rikors addizzjonali a fol 235 u 236 b'dokumenti a fol 237 sa 258.
23 Digriet a fol 230.
24 Verbal a fol 259.
25 Verbal a fol 259. L-istess dikjarazzjoni saret fl-udjenza tal-5 ta' Gunju, 2019 – verbal a fol 292.
26 Rikors a fol 293.
27 Verbal a fol 309.
28 Risposta ulterjuri a fol 310.
29 Nota a fol 313 u 314 b'dokumenti a fol 315 sa 333.

**Rat** li fl-udjenza tad-29 ta' April, 2021 il-konvenuta ddikjarat l-istadju tal-provi tagħha dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni magħluq salv għal-preżentazzjoni ta' xi dokumenti u kontro-eżamijiet.[30]

**Rat** in-nota tal-konvenuta tal-20 ta' Mejju, 2021 li biha eżebiet dokumenti addizzjonali.[31]

**Rat** li fl-udjenza tad-9 ta' Diċembru, 2021 il-kawża ġiet differita għal-provi kollha tal-atturi fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.[32]

**Rat** li b'rikors tat-2 ta' Marzu 2022 intalbet it-trasfuzjoni tal-ġudizzju minn isem il-konvenuta Mary Jane Cassar għal-isem uliedha Joseph, John, Eugenio u Carmen Cutajar aħwa ġermani Cassar stante l-mewt tal-konvenuta Mary Jane Cassar.[33]

**Rat** li b'digriet kontenut fil-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Marzu, 2022, il-Qorti laqgħet it-talba għat-trasfużjoni tal-ġudizzju minn isem Mary Jane Cassar għal isem uliedha stante l-mewt tal-istess Mary Jane Cassar.[34]

**Rat** li fl-istess udjenza tat-2 ta' Marzu, 2022 il-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi magħluq għajr għal kontro-eżamijiet.[35]

**Rat** ir-rikors tal-atturi tas-17 ta' Novembru, 2022 li bih il-Qorti ġiet infurmata bil-mewt tal-attur Paul Aquilina b'dan li ntalbet it-trasfużjoni tal-ġudizzju minn isem Paul Aquilina għal fuq isem l-eredi tiegħu, martu Anna Aquilina.[36]

**Rat** li fl-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2022 il-partijiet iddikjaraw il-kontro-eżamijiet ilkoll eżawriti bil-kawża tħalliet għas-sentenza bil-fakolta' li jsiru n-noti tal-osservazzjonijiet.[37]

---

[30] Verbal a fol 381 u 382.
[31] Nota a fol 383 u 384 b'dokumenti a fol 385 sa 455.
[32] Verbal a fol 480.
[33] Rikors a fol 482, certifikat tal-mewt ta' Mary Jane Cassar a fol 483, testment ta' Mary Jane Cassar a fol 424 u 425. Ricerka testamentarja a fol 495 sa 498.
[34] Verbal a fol 492 u 493.
[35] Verbal a fol 492 u 493.
[36] Rikors mhux paginat b'dokumenti annessi – ossia certifikat tal-mewt relattiv, ricerka testamentarja, u testment – ukoll mhux paginati.
[37] Verbal mhux paginat.

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.**

**B. Provi:**

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Carmen sive Carmela Saliba** xehdet permezz ta' affidavit.[38] Tiddikjara li hija ilha tgħix żewġ t'idjar l-isfel mir-raba' ta' Frangiska sive Cikka Pace u oħta Katerina miżżewġa Debrincat li tinsab fi Triq it-Torri Tinghi, ix-Xewkija, Għawdex għal-39 sena. Iżżid li din ir-raba' dejjem tafha bħala ta' dawn l-aħwa Cikka u Katerina.

Tiddikjara li fid-39 sena li ilha tgħix fl-inħawi, fir-raba' in mertu l-uniċi nies li qatt rat kienu dawn Cikka u oħta Katerina. Iżżid li wara li mietu Cikka u Katerina bdiet tara lill-konvenuta u familta f'din ir-raba' u partikolarment lir-raġel tal-konvenuta.

Tiddikjara li taf li Cikka u Katerina kellhom oħthom oħra jisimha Maria li kienet miżżewwġa u toqod Malta. Iżżid li lil din qatt ma' ratha fir-raba' in mertu. Tgħid li anqas lill-uliedha jew żewġha qatt ma' rathom hemm.

Tinsisti li fir-raba' dejjem biss rat l-ewwel lil Cikka u Katerina u wara li dawn ġew neqsin, lill-werrieta tagħhom ossia l-konvenuta u familta kif ukoll xi nies mil-Qala, Għawdex. Iżżid li hemm triqtha u kieku kellu daħal ħaddiehor kienet tarah.

Tgħid li r-raba' in kwistjoni dejjem tafha miżmuma magħluqa b'bieba minn Cikka u Katerina.

**In kontro-eżami**, xehdet[39] li hija mhix parentata ma' ebda mill-partijiet għajr għal fatt li missiera u r-raġel tal-konvenuta huma kuġini.

[38] Affidavit rilaxxat fl-2003 a fol 15.
[39] Traskrizzjoni a fol 133 sa

Tgħid li r-raba' in mertu li hija tafu għand Cikka Pace qiegħed ftit bibien 'il fuq mid-dar tagħha. Iżżid li hija issa ilha 50 sena tgħix fl-inħawi.

Tgħid li ma' tafx tispjega kemm hu kbir r-raba' in mertu iżda taf żgur li kien jinħadem.

**Eugenio Cassar** xehed permezz ta' affidavit.[40] Jiddikjara li huwa iben il-konvenuta u għandu 43 sena. Iżid li huma kienu joqodu f'dar ftit 'il fuq mir-raba' in mertu mentri nanntu Ganna kienet toqod ftit l-isfel mill-istess raba'.

Jgħid li huma kienu dejjem tielgħin u neżlin bejn id-dar tagħhom u ta' nannithom b'dan li fir-raba' in mertu dejjem jaf liz-zijiet ta' ommu, Cikka u Katerina.

Jiddikjara li liz-zija Maria jiftakara iżda din kienet miżżewwġa u tgħix Malta u qajla kienet tersaq lejn Għawdex.

Jgħid li ta' 16-il sena siefer lejn l-Awstralja u rritorna Għawdex xi 3 snin wara. Iżid li sena wara reġa' siefer iżda rritorna fl-1990 u baqa' Għawdex. Jgħid li kemm dam l-Awstralja ġieli ltaqa' ma' kuġin ta' ommu, Guzepp. Jgħid li dan qatt ma' qal xejn dwar ir-raba' in mertu jew pretenda li huwa jew familtu għandhom xi drittijiet fuqha.

Jgħid li sa' ma' siefer u ġie lura r-raba' kienet tinħadem minn Cikka u Katerina.

Jgħid li r-raba' in mertu kellha bieba li kienet tissakkar u sabiex jidħlu fiha kienu jitolbu ċ-ċavetta lil Cikka u Katerina.

Jiddikjara li meta Cikka u Katerina ma' baqgħux jaħdmu r-raba' kienu ġieli jqabbdu lil ħuh Joseph sive Guzepp sabiex jaħdiemha b'dan li meta ġew neqsin ir-raba' nqasmet skond it-testment tagħhom bejn familtu u l-familja Mizzi mil-Qala, Għawdex.

**In kontro-eżami**, xehed[41] li llum huwa għandu 55 sena. Iżid li huwa mar l-ewwel darba l-Awstralja meta kellu 16-il sena b'dan li għad ġej u sejjer

[40] Affidavit rilaxxat fl-2003 a fol 16.
[41] Traskrizzjoni a fol 148 sa 162.

bejn hemm u Għawdex sa' ma mbagħad mar lura lejn l-Awstralja. Jgħid li l-aħħar li kien Għawdex baqa' 16-il sena b'dan li issa reġgħa qiegħed l-Awstralja.

Jgħid li r-raba' in mertu hija ta' ċirka nofs tomna u kienu jaħdmuha Cikka u Katerina li jiġu z-zijiet ta' ommu. Iżid li r-raba' kienet tinħadem kollha b'parti kienet siġar tal-frott u oħra kienet tinħarat u titħawwel.

Ma' jaqbilx li kien hemm il-blat fuq quddiem iżda jgħid li bħala blat kien hemm fuq wara.

Jikkonferma li hu lil Cikka u lil Katerina biss jiftakar hemmhekk. Iżid li lilhom biss jiftakar jaħdmu r-raba' in mertu u huma kienu jkunu hemm magħhom.

Mistoqsi qattx saqsa lil Cikka u lil Katerina jekk ir-raba' kienx tagħhom u tagħhom biss jgħid li Cikka kienet tieħu ħsieb u anke xtrat iċ-ċens. Iżid li ċ-ċens xtratu b'kuntratt. Jgħid li dan jafu għax huwa dak iż-żmien kien hawn u jiftakar lil Cikka tgħid li fdiet iċ-ċens.

Jgħid li ma' jafx għand min kien iċ-ċens oriġinarjament iżda jaf li Cikka fdietu. Iżid li jaħseb li fdietu fis-snin 80 għax kien wara li ġie lura l-ewwel darba mill-Awstralja.

Mistqosi jekk apparti l-blat diġa msemmi kienx hemm bajtar tax-xewk u qasab li ma' jippermettux li r-raba' tinħadem kollha jgħid li bajtar u qasab ftit kien hemm.

Jgħid li ma' jafx li hemm qatt intuża bħala miżbla min-nannuh. Jiċħad iżda li l-art kienet miżbla u li qatt ma' setgħet tinħadem. Iżid li saħansitra kien hemm bir fiha li kien jintuża għat-tisqija.

Rigward iċ-ċens iżid li ma' jafx jekk Cikka fdietux f'isimha biss jew f'isem oħta wkoll. Iżid li jaħseb li hemm kuntratt ta' fidi bl-ismijiet. Jgħid li karti dwar dan qatt ma' ra għax kien għadu tfal.

Jgħid li Maria Grima tiġi z-zija ta' ommu. Iżid li jafha personalment iżda Għawdex darba f'mitt qamar raħha. Iżid li lill uliedha ma' jafhomx Għawdex. Mistoqsi fuq Joseph Grima deskritt lilu bħala wieħed minn ulied Maria, jgħid li Joseph Grima qiegħed l-Awstralja u Maria tiġi

nanntu mhux ommu. Jgħid li dan qatt ma' għamel żmien twil Għawdex iżda kien jinżel fiż-żmien tal-gamiem. Jgħid li r-raba' in mertu ma' kienx tal-kaċċa.

Mistoqsi jiftakarx li dan Joseph Grima kellu kelb li miet u difnuh fl-għalqa in mertu fil-preżenza tiegħu – tax-xhud – jgħid li dan mhux minnu.

**In re-eżami** xehed[42] li lil Joseph Grima li ssemma qabel qatt ma' rah fir-raba' in mertu. Iżid li l-istess Joseph anqas qatt semma' xejn dwar ir-raba' in mertu.

**Joseph Cassar** xehed permezz ta' affidavit.[43] Jiddikjara li huwa iben il-konvenuta u għandu 48 sena. Jgħid li minn ċkunitu kien jgħix ma' nanntu Ganna f'dar viċin ir-raba' in mertu.

Jiddikjara li r-raba' in mertu ġejja mil-wirt tal-bużnannu tiegħu Guzepp Pace. Iżid li din ir-raba' dejjem jafha għand iz-zijiet ta' ommu Katerina u Cikka. Iżid li lill-nanntu Ganna, li tiġi oħt Katerina u Cikka, jiftakara tgħid li missierha – allura l-bużnannu tiegħu Guzepp – lilha tagħha b'dota r-raba' fejn bniet biex tgħix u lil ħutha Katerina u Cikka tagħhom iċ-ċens tar-raba' in mertu bejniethom.

Jgħid li r-raba' in mertu dejjem inħadem minn Katerina u Cikka.

Jiddikjara li lil Maria jafha miżżewwġa Malta u tiġi Għawdex xi darba fis-sena. Iżid li din qatt ma' semmiet li r-raba' in mertu huwa tagħha jew kellha xi dritt fuqu. Jgħid li din kellha sehem mil-post fejn kienu jgħixu ħutha liema sehem kienet biegħetu lil oħta Cikka.

Jiddikjara li huwa kien ta' spiss imur jgħin liz-zijiet ta' ommu Cikka u Katerina fir-raba' in mertu b'dan li meta dawn kibru ir-raba' beda jaħdimha hu flimkien ma' familtu.

Iżid li r-raba' dejjem inżammet magħluqha b'bieba b'ċavetta li kienet tinżamm biss minn Cikka u Katerina. Jgħid li sabiex kienu jidħlu fiha kienu jitolbu aċċess mingħand l-istess Cikka u Katerina. Iżid li l-bieba

[42] Traskrizzjoni a fol 162 u 163.
[43] Affidavit rilaxxat fl-2003 a fol 17.

baqgħet hemm sa xi sentejn ilu meta nbiegħet il-prozjon ta' Katerina li mbagħad inbniet. Jgħid li minkejja dan, il-forma tal-bieba għadha tidher sallum.

**In kontro-eżami,**[44] xehed li huwa għadu jgħix biswiet ir-raba' in kwistjoni. Iżid li r-raba' in mertu fiha ċirka nofs tomna. Jgħid li l-istess raba' kienet tinħadem u fiha kien hemm anke siġar tal-frott. Jgħid li kien hemm ftit blat fiha iżda ma' jiftakarx li parti minnha qatt intużat bħala miżbla.

Jgħid li issa huwa għandu 59 sena u din ir-raba' jafha mindu kellu 10 snin jew inqas. Iżid li kien dejjem fiha jara liz-zijiet ta' ommu, Cikka u Katerina, jaħdmuha. Iżid li aktar kien ikun hemm Cikka peress li Katerina kellha it-tfal mentri Cikka kienet xebba.

Jiċċara li fir-raba' in mertu kien hemm aktar ħamrija milli blat.

Jgħid li Cikka dejjem qalet li hemm kien tagħhom, għalih kienet tħallas kollox hi, u li hi xtrat iċ-ċens xi 30 sena qabel.

Jgħid li ommu akkwistat ir-raba' in mertu mingħand Cikka li tagħtula b'donazzjoni għax kienet tieħu ħsieba.

Mistoqsi kif fl-affidavit tiegħu jgħid li r-raba' ġej mil-wirt tal-bużnannu tiegħu Guzepp Pace jgħid li dan jafu għax hekk kienet tgħid Cikka. Iżid li testment għandhom iżda huwa dejjem straħ fuq li qalet Cikka.

Dwar il-bieba tal-għalqa jgħid li r-raba' in mertu kienet imdawra bi tmien filati ħajt tas-sejjiegħ li għadu hemm sallum. Iżid li fil-ħajt kien hemm bieba tal-injam ta' forsi 4 piedi tissakkar b'ċavetta li kienet tkun għand Cikka. Jghid li sabiex jaċċedi fl-għalqa huwa kien jew imur hemm waqt li jkun hemm Cikka jew imur għaċ-ċavetta għand Cikka.

Jgħid li l-ħajt tas-sejjiegħ ta' 8 filati ma' stajtx taqbżu bl-aċċess kien biss mil-bieba.

Itenni li kienet Cikka biss li kellha ċavetta għal din il-bieba. Jgħid li għalkemm qatt ma' staqsa lil Cikka jekk kienx hemm ħaddiehor li kellu

[44] Traskrizzjoni a fol 111 sa 121.

ċavetta huwa ċert li ħadd aktar ma' kellu ċavetta stante li huwa trabba ma' Cikka. Iżid li ġieli tkellmu fuq jekk ħaddiehor kellux ċavetta u Cikka kienet taċċertah li hi biss kellha ċavetta għax ħadd aktar m'għandu dritt jidħol hemm.

Dwar Katerina jgħid li Katerina u Cikka kienu ħaġa waħda, jgħixu f'dar waħda, b'dan li allura ċ-ċavetta li kien hemm kienet waħda iżda kienet għand Cikka u Katerina t-tnejn li huma.

Jgħid li ma' jafx jekk ħaddieħor qattx uża din iċ-ċavetta li kienet għand Cikka u Katerina iżda lil oħthom Maria qatt ma' raha fir-raba' in mertu. Iżid li Maria kienet titla' Għawdex xi darba fis-sena tara lil ħutha u tmur lura Malta.

Jgħid li qatt ma' ra ebda nies oħra fir-raba' għajr għal Cikka u Katerina u li kien jidħol hu.

**In re-eżami,**[45] jinsisti li ċ-ċavetta dejjem għand Cikka jafha. Dwar il-blat jiċċara li jekk wieħed iħares lejn ir-raba' mit-triq, dan il-blat jinsab fuq wara tar-raba'.

**B'affidavit ulterjuri**, jiddikjara li huwa għandu 66 sena u l-għalqa in kwistjoni qiegħda erba' bibien 'il fuq mid-dar fejn twieled, trabba, u għadu jghix fi Triq it-Torri Tinġi, ix-Xewkija.

Jiddikjara li l-aħwa Cikka Pace u Katerina Debrincat jiġu zijiet ta' ommu l-konvenuta Maryjane Cassar. Jispjega li Cikka baqgħet xebba mentri Katerina żżewġet ta' eta' kbira lil John Debrincat.

Iżid li lil Cikka u Katerina jiftakarhom sew għaliex kellu 'l fuq minn 40 sena meta mietu. Jgħid li dawn dejjem baqgħu jgħixu fl-istess dar anke wara li żżewġet Katerina. Iżid li d-dar kienet tal-ġenituri tagħhom fi Triq San Guzepp, ix-Xewkija bl-għalqa in kwistjoni tiġi ftit passi l-bod. Jgħid li l-għalqa hija magħrufa kemm bħala "Tal-Makku" kif ukoll bħala "Taċ-Ċens" jew "Tax-Xewkija".

[45] Trakrizzjoni a fol 121 u 122.

Jiddikjara li kemm għandu żmien hu l-għalqa in mertu jiftakarha biss f'idejn Cikka u Katerina b'Cikka kienet tgħid li ħallihilhom missierhom Giuseppe Pace li jiġi l-bużnannu tiegħu.

Jiddikjara li l-għalqa Cikka u Katerina kienu jżommuha magħluqha b'bieba tissakkar. Jgħid li sa minn ċkunitu kien isejjaħ lill waħda mill-aħwa sabiex jiftħulu l-bieba.

Jiddikjara li meta twessgħat it-triq fis-snin 60 il-Gvern akkwista biċċa mill-għalqa u l-ħlas rċevewh Cikka u Katerina. Jeżebixxi kopja tal-kuntratt li kien sar mal-Gvern ta' Malta fis-sena 1967.[46]

Jgħid li l-kuntratt mal-Gvern juri ċar li dak iż-żmien Cikka u Katerina kienu jqiesu l-għalqa bħala tagħhom u bħala li wirtuha mingħand missierhom. Iżid li mid-data tal-kuntratt mal-Gvern sad-data li fih ġiet intavolata l-kawża mill-atturi wlied Maria Grima għaddew 35 sena. Iżid li mill-mewt tal-bużnanniet tiegħu Giuseppe u Giuseppa Pace għaddew kważi 50 sena. Jiddikjara li matul dan iż-żmien kollu qatt ħadd ma' fixkel lil Cikka u Katerina fil-pussess ta' din l-għalqa jew pretenda drittijiet fuqha.

Jiddikjara li l-aħwa, inkluż omm l-atturi Maria Grima, sa kienu qasmu l-wirt tal-ġenituri tagħhom b'kuntratt. Iżid li omm l-atturi qatt ma' pretendiet li l-għalqa kienet tagħha. Jeżebixxi kopja tal-kuntratt tal-qasma li sar fl-1945.[47]

Jgħid li omm l-atturi, Maria Grima, kienet tmur Għawdex sabiex tara lill ħutha u qatt m'għamlet pretensjonijiet dwar l-għalqa. Iżid li anqas jiftakarha qatt tidħol fl-għalqa.

Jiddikjara li fuq l-istess għalqa Cikka u Katerina kienu jħallsu ċens lill-Katidral ta' Ghawdex sa' ma fdew l-istess fl-1983.

Jgħid li Cikka kienet trasferit in-nofs sehem indiviż tagħha mill-għalqa lill-ommu b'donazzjoni fis-sena 1985 mentri n-nofs sehem indiviz l-ieħor wirtu r-raġel ta' Katerina, Ganni Debrincat, li mbagħad ħallih lil bintu Andreana Mizzi b'testment. Iżid li Andreana imbagħad biegħet sehemha lil John Pace.

[46] Kuntratt a fol 344 sa 355.
[47] Kuntratt ta' divizzjoni a fol 356 sa 365.

Jiddikjara li għal aktar minn 10 snin wara li ommu akkwistat in-nofs sehem indiviż tagħha mingħand Cikka ħadd mill-atturi kuġini ta' ommu ma' ħoloq kwistjonijiet dwar din l-għalqa. Iżid li l-kwistjonijiet bdew biss fl-2002.

**Xehed ulterjorment**,[48] li r-raba' in mertu ġej minn naħa ta' ommu Marigwann sive Maryjane; il-konvenuta. Iżid li omm ommu, ossia nanntu kien jisimha Ganna, xebba Pace. Iżid li Ganna kienet oħt Cikka u Katerina.

Jixhed li missier Ganna, Cikka u Katerina kien Guzepp Pace b'missier dan kien Mikiel Pace.

**Maryjane Cassar**, il-konvenuta, xehdet permezz ta' affidavit.[49] Iddikjarat li r-raba' in mertu hija akkwistatu b'kuntratt ta' donazzjoni datat is-17 ta' Lulju, 1995 in atti Nutar Paul George Pisani. Tannetti kopja tat-tali kuntratt.[50]

Iżżid li qabel dan, dan ir-raba' hija dejjem tafu għand iz-zijiet tagħha Cikka u Katerina. Tgħid li meta mietu n-nanniet tagħha – allura l-ġenituri ta' ommha u ta' dawn iz-zijiet tagħha Cikka u Katerina – ir-raba' baqgħet tinħadem minn Cikka u Katerina.

Tiddikjara li zita Maria tiġi omm l-atturi. Iżżid li din Maria żżewġet fil-11 ta' Novembru, 1922 u marret tgħix Malta. Tannetti kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' Maria.[51]

Tgħid li Maria kienet titla Għawdex tara lill-familjari tagħha darba kultant żmien. Iżżid li la Maria, la żewġha u anqas uliedha qatt ma' daħlu fir-raba' in mertu.

Tgħid li r-raba' in mertu dejjem tqies bħala ta' Cikka u Katerina tant li Cikka anke kitbet in-nofs indiviż tagħha lilha filwaqt li Katerina kitbet

[48] Traskrizzjoni a fol 378 sa
[49] Affidavit a fol 31 u 32 b'dokumenti annessi a fol 33 sa 43.
[50] Kuntratt ta' donazzjoni b'dokumenti annessi a fol 33 sa 36.
[51] Certifikat taz-zwieg a fol 37.

in-nofs indiviż tagħha lil żewġha John Debrincat li wara kitbu lil binthom Adreana Mizzi.

Tiddikjara li Cikka mietet fit-30 ta' Jannar, 2000. Tannetti kopja taċ-ċertifikat tal-mewt tagħha.[52] Iżżid li Katerina mietet fit-22 ta' Lulju, 1994. Tannetti kopja taċ-ċertifikat tal-mewt tagħha.[53]

Tgħid li tul is-snin kollha r-raba' kienet tinħadem biss mis-sidien tagħha. Iżżid li dan ukoll għaliex il-kuntratt li qed jaġixxu fuqu l-atturi qass biss kienu jafu bih b'nannuha fit-testment tiegħu tat-18 ta' Settembru, 1940 in atti Nutar Francesco Refalo kien kiteb l-istess raba' lil Cikka u Katerina biss. Iżżid li għalhekk dan ir-raba' dejjem ġie meqjus bħala ta' Cikka u Katerina. Tannetti kopja tat-testment ta' nannuha.[54]

Tiddikjara li hija kemm il-darba kienet tkun tgħin liz-zijiet tagħha Cikka u Katerina fir-raba' in mertu.

Tgħid li sabiex jaċċedu fir-raba' in mertu kien hemm bieba tissakkar b'ċavetta li dejjem inżammet f'idejn Cikka. Tgħid li jekk Cikka ma' kienitx tkun l-għalqa kienu jottjenu ċ-ċavetta minn għandha sabiex jidħlu fiha b'wara jroddulha ċ-ċavetta lura.

Iżżid li r-raba' kellu fuqu ċens pagabbli lill-Knisja liema ċens kien infeda minn zita Cikka. Tannetti kopja tal-fidi taċ-ċens.[55]

Tiddikjara li hija għandha 72 sena u f'dawn is-snin kollha taf biss liz-zijiet tagħha Cikka u Katerina f'dan ir-raba'. Iżżid li lil zita Maria u familtha qatt ma' rathom hemm. Iżżid li la Maria u qass familtha qatt qabel ma' għamlu l-kawża preżenti ma' ivvantaw xi dritt fuq din ir-raba'.

Iżżid li żmien wara li zita kitbitila r-raba' hija qalet lil binha Eugenio japplika għall-permess tal-bini fuqha li fil-fatt ingħatalhom.

**In kontro-eżami**, xehdet[56] li hija trabbiet Triq Tinghi fejn tinsab ir-raba' in mertu u qrib ħafna tal-istess. Tgħid li hi dejjem dieħla u ħierġa mill-

[52] Certifikat tal-mewt a fol 38.
[53] Certifikat tal-mewt a fol 39.
[54] Testment a fol 40 sa 42.
[55] Dokument dwar fidi ta' cens a fol 43.
[56] Traskrizzjoni a fol 137 sa 143.

istess raba'. Iżżid li kienet tkun hemm ta' kuljum. Tgħid li kienet tkun hemm ma' zita' Cikka, jaħdmu l-istess raba'.

**Carmelo Azzopardi** xehed permezz ta' affidavit.[57] Jiddikjara li huwa għandu 48 sena, twelid u dejjem għex ix-Xewkija, Għawdex kemm kemm 'l isfel mir-raba' in mertu. Iżid li fi Triq Torri Tinghi fejn tinsab ir-raba' in mertu kien hemm joqodu nannuh Ganni Portelli kif ukoll żewġ zijiet tiegħu nkluż Maryjane Cassar.

Jgħid li huwa kemm fi ċkunitu kif ukoll meta kiber kien ġej u sejjer għand nannuh li kien joqod faċċata tagħhom.

Jiddikjara li r-raba' in mertu jafha eżatt liem'hi. Iżid li din ir-raba' mdaqqsa hija kollha blat b'fiha hemm biss ġebel, ħarrub, u qasab. Iżid li din ir-raba jafha magħluqha b'bieba ħadra. Jgħid li jaf ukoll li l-istess raba' qajla kienet tintuża iżda kienet tieħu ħsieba Cikka. Jgħid li huwa dejjem ħaseb li r-raba' kienet ta' Cikka u ħutha.

Jgħid li għal-ħabta tal-1985 kien xtara żiemel u kellu bżonn fejn ipoġġih. Iżid li peress li kien jaf li r-raba' in mertu ma' kienitx tintuża kien mar fittex lil Cikka għaż-żavetta sabiex ipoġġih hemm. Jgħid li kien sab lil oħta Katerina li kienet toqod magħha b'din qaltlu li dik l-art ma' kienitx tagħhom iżda ta' oħthom Maria li toqod Malta.

Jgħid li xi jiem wara fittxitu Cikka u ħallietlu ċ-ċavetta ma' ommu. Jgħid li jaħseb li sadanittant Katerina kellmet lil Cikka u dawn irranġaw ma' Maria sabiex juża l-art. Jgħid li huwa kien mar fetaħ il-bieba iżda tant ra li l-art tar-raba' kienet ġebel u li kien hemm ħitan imwaqqajn u kuntrarji li beża' li jekk iħalli ż-żiemel hemm kien iweġġa. Iżid li għalhekk ir-raba' qatt m'użah. Jgħid li lil Cikka kien qalilha lil mhux ser iħalli ż-żiemel hemm minħabba li r-raba' kienet ħerba.

**Joseph Grima** xehed permezz ta' affidavit.[58] Jiddikjara li Giuseppi Pace kien il-bużnannu tiegħu. Iżid li, b'kuntratt tal-15 ta' Awwissu, 1926 in atti

[57] Affidavit a fol 173.
[58] Affidavit a fol 263 u 264 b'dokumenti a fol 265 sa 280. Ezebit ghal darb'ohra a fol 282 u 283 minghajr dokumenti u b'varjazzjoni li titkellem dwar il-kera li jghid li kienet tithallas lill nanntu minn Ganni Portelli fejn jirreferi ghal-ircevuta li pero' mhijiex ezebita in atti.

Nutar Francecso Refalo l-istess bużnannu tiegħu assenja lin-nanna paterna tiegħu, Maria Grima, *meta indivisa del terreno appellato tal-Macchu posta in contrada tal-Gruwa nei limiti del Casale Xeuchia di Gozo della capacita' l-inticrodi di tre mondelli e tre misure confina l-intero da ponente con beni di Giuseppe Spiteri, da levante con beni di Giuseppe Portelli, da mezzodi colla strada, soggetto l-intero in scelini cinque annu canone perpetuo*. Jannetti kopja tal-kuntratt.[59]

Iżid li n-nofs l-ieħor tal-istess proprjeta' kien jappartjeni liz-zijiet ta' missieru, l-aħwa ġermani Pace Cikka, li baqgħat xebba, u Katerina miżżewġa Debrincat, f'ishma ndaqs u ndiviżi bejniethom.

Jiddikjara li għal xi żmien daħal fil-pussess ta' din l-art Ganni Portelli, missier il-konvenuta Maryjane Cassar, fejn dan kien iħallas il-kera lill-nanntu. Iżid li Portelli kien jaħdem kennies mal-Gvern u f'din l-art kien jiddepożita ż-żibel.

Jiddikjara li eventwalment il-konvenuta nfisha rċeviet b'donazzjoni sehem Cikka minn din l-art b'kuntratt tas-17 ta' Lulju, 1995 in atti Nutar Paul George Pisani.

Iżid li Maria Grima, li kienet tiġi nanntu, mietet fl-1986 u wirtuha wliedha, fosthom missieru Francis Saviour Grima. Iżid li missieru dejjem tkellem ma' l-okkupanti ta' l-art, ossia fil-bidu ma' Cikka u Katerina u aktar tard mas-suċċessuri fit-titolu tagħhom li huwa hemmhekk kellu sehem.

Jgħid li Cikka u Katerina kienu jħallsu ċ-ċens gravanti l-art u eventwalment qabdu u fdewh waħedhom.

Jgħid li għalkemm familtu kienet tgħix Malta, huwa u ħutu kienu ta' sikwit ikunu Għawdex inkluż għal-kaċċa. Iżid li f'tali jiem Għawdex missieru kien dejjem isaqsi dwar l-art. Iżid li missieru kien anke jurihom fejn'hi l-art filwaqt li jgħidilhom li għandhom sehem minnha. Iżid li missieru ma' kienx jaf eżattament minn fejn jirriżulta sehemhom f'din l-art iżda kien isostni li jaf li għandhom sehem minnha skond li kienu jgħidulu l-ġenituri tiegħu. Jgħid li sa dan il-punt ma' kienux jafu bl-eżistenza tal-kuntratt tal-1926.

59 Kopja tal-kuntratt a fol 265 u 266.

Jiddikjara li eventwalment l-art tpoġġiet għal-bejgħ b'missieru kien sorpriż li ma' kienx konsultat. Iżid li dak iż-żmien kien hawn zijuhom Giuseppi Grima mill-esteru b'dan li saret riċerka u skoprew il-kuntratt tal-1926. Iżid li hawn saru jafu li nanntu Maria Grima kienet akkwistat sehem mill-art mingħand missierha u qatt ma' trasferit minnha.

Jgħid li mir-riċerka skoprew ukoll kuntratt ta' diviżjoni tal-21 ta' Ottubru, 1997 in atti Nutar Enzo Dimech li bih Andreana Mizzi u Maryjane Cassar qassmu l-intier tal-art bejniethom mingħajr ma' kkunisdraw li sehem minnha ma' kienx tagħhom iżda tal-atturi. Iżid li skoprew ukoll kuntratt ta' bejgħ tat-12 ta' Mejju, 2000 in atti Nutar Enzo Dimech li bih Andreana Mizzi biegħet sehemha lil ċertu John Pace. Jannetti kopja ta' tali kuntratti.[60]

Jiddikjara li fil-frattemp kemm il-konvenuta Maryjane Cassar kif ukoll John Pace bdew xogħolijiet strutturali fuq il-porzjonijiet art rispettivi li ħadu bid-diviżjoni. Jgħid li mmedjatament malli skoprew dan, l-atturi bagħtu ittra lil John Pace u Maryjane Cassar sabiex jittwaqqfu x-xogħolijiet. Jannetti kopja tal-ittra.[61]

Jiddikjara li John Pace aċċetta li l-atturi kellhom sehem mill-art u daħal fi ftehim magħhom datat it-3 ta' Frar, 2001 dwar dan. Jannetti kopja tal-ftehim.[62]

Iżid li l-konvenuta Maryjane Cassar ma' għamlitx bħal John Pace b'dan li lilha ntabgħtitilha ittra uffiċjali oħra f'Diċembru, 2001. Jannetti kopja ta' l-ittra uffiċjali.[63]

Jgħid li kien wara dan li ġiet istitwita din il-kawża.

Jiddikjara li fil-mori tal-kawża Joseph Cassar, iben il-konvenuta Maryjane Cassar, offra lilu u lil ħuh Raymond Grima fil-preżenza ta' ċertu Paul Cilia illi jixtri sehem l-atturi mill-art in mertu u anke offra prezz. Iżid li b'hekk urih li kien jaf li hemmhekk huma għandhom sehem.

[60] Kuntratt tal-21 ta' Ottubru, 1997 a fol 267 sa 269 bi pjanti a fol 270 u 271. Kuntratt tat-12 ta' Mejju, 2000 a fol 272 sa 274 bi pjanti a fol 275 u 276.
[61] Ittra ufficjali ta' Awwissu, 2000 a fol 277.
[62] Ftehim tat-3 ta' Frar, 2001 a fol 278 u 279.
[63] Ittra ufficjali ta' Dicembru, 2001 a fol 280.

**In kontro-eżami**, xehed[64] li Maria Grima tiġi omm missieru u allura nanntu b'dan li Guzepp Pace jiġi allura l-bużnannu tiegħu ossia missier nanntu Maria miżżewġa Grima.

Mistoqsi jistax jispjega jekk l-art "Tal-Makku" li akkwista mill-Massa Kapitolari il-buż bużnannu tiegħu, Mikiel Pace, bil-kuntratt ta' ċens perpetwu tal-14 ta' Mejju, 1875 hijiex l-istess art li skontu nanntu Maria Grima ingħatat b'donazzjoni fl-1926 jgħid li dik l-art tagħielha donazzjoni.

Mistoqsi kif mit-tlett tumoli ta' art "Tal-Makku" li akkwista Mikiel Pace u li għaddew għand Guzepp Pace, ibnu, in-nofs tomna ndiviża li Guzepp Pace għadda lil bintu Maria Grima tista tkun l-istess art li qed issir il-kawża fuqha, jgħid li l-art huwa jiftakara. Iżid li kien jitla hemm ma' missieru ta' tifel u jafha ma' tinħadimx. Iżid li l-bieba kienet marbuta b'biċċa spaga. Iżid li huwa kien anke jingħata l-kera dovuta lill-nanntu Maria ta' kemm kien jitfa żibel fiha Portelli. Jgħid li l-kera kienet ta' Lm 6 fis-sena. Jgħid li meta mietlu l-kelb pruvaw jidfnuh hemm imma ma' setgħux tant l-għaqla hi blat.

Jinsisti li huwa ġej u sejjer Għawdex b'dan li Għawdex jafu sew. Jinsisti wkoll li l-art in mertu ma' fihiex ħamrija u qatt ma' nħadmet. Jgħid li l-art hija xagħri u fiha kien jintefa ż-żibel.

Mistoqsi kif jagħmel konnessjoni bejn l-art li Guzepp Pace, fit-testment tiegħu ħalla nofs tomna lil Katerina u Cikka mentri bil-kuntratt tal-1926 ta' nofs indiviż ta' parti mit-territorju li kellu lil Maria; jgħid li huwa jinsisti li hemm għandu nofs għax diġa ġabru l-ħlas ta' nofs ieħor.

Mistoqsi jekk allura għax marru fuq Andreana Mizzi u John Pace u dawn qablu u tawhom xi ħlas, jemminx li għandu wkoll jedd kontra l-konvenuta Mary Jane Cassar, jgħid li huma biegħu l-art tagħhom lil John Pace bin-nutar. Jgħid li huma jekk kellhom 10 piedi biegħu 5 lil John Pace bil-5 l-oħra qiegħdin miżmuma mill-konvenuta.

Għal darb'oħra mistoqsi kif jaf li l-art donata lill-nanntu hija dik tal-kawża, jgħid li dan ilu jafu minn żmien ċkunitu meta kien ikun Għawdex

[64] Traskrizzjoni a fol 465 sa 477.

ma' missieru. Iżid li zijuh Guzeppi Grima kien ġie mill-Awstralja u għamel ir-riċerka b'dan li aċċerthom minn dan u mexxew bil-kawża.

Mistoqsi dwar l-iskrittura privata tat-3 ta' Frar, 2001[65] u jekk John Pace daħalx fiha magħhom għaliex huwa kien diġa xtara mingħand Andreana Mizzi sabiex jiżviluppa, huma pruvaw iwaqqfuh, u dan qabel li jtihom xi flus sabiex jeħles minnhom, jgħid li huma kienu marru għand in-Nutar, John Pace tagħhom xi flus, u huma biegħulu l-biċċa. Iżid li huwa deher fuq dan il-ftehim pero' mhux hu nnegozjah.

Jgħid li huwa kien ilu jaf li hemm għandhom l-art minn ta' nanntu pero' ma' John Pace mhux huwa nnegozja.

Mistoqsi jekk Gracie Grima li tat ix-xhieda tagħha f'din il-kawża tiġix ommu jikkonferma. Mistoqsi kif din ma' semmiet xejn dwar flus tal-kera jgħid li x'qalet ma' jafx għax minkejja li hija anzjana waħedha xehdet.

**B'affidavit ulterjuri**,[66] jiddikjara li mhux minnu li Cikka u Katerina kienu jżommu l-art in mertu bħala proprjeta' assoluta tagħhom. Iżid li huma kienu jafu li din l-art kienet in komun ma' ħaddieħor iżda Cikka u Katerina kienu jużawha aktar biss għaliex il-familjari tiegħu kienu jgħixu Malta. Iżid li fil-fatt il-familjari tiegħu kienu baqgħu jidħlu u jużaw din l-art meta jridu.

Jiddikjara li l-parti ta' quddiem tal-art kienet blat u qasab mentri l-parti ta' wara kienet tintuża sabiex fiha jinżamm xi żibel. Iżid li l-art ma' setgħetx tinħadem għax kienet blat.

Jiddikjara li għal xi żmien daħal fil-pusess ta' l-art Ganni Portelli b'dan kien iħallas il-kera lin-nanna tiegħu. Iżid li dan Portelli kien jaħdem kennies mal-Gvern u kien jiddepożita ż-żibel f'din l-art. Jispjega li Ganni Portelli kien jiġi missier il-konvenuta Mary Jane Cassar.

Jiddikjara li għalkemm huwa u l-familjari tiegħu jgħixu Malta, huma ta' sikwiet ikunu Għawdex u missieru kien sikwiet jeħodhom fejn l-art in mertu u jgħidilhom li huma kellhom sehem minnha. Iżid li huwa waħdu wkoll jitla' sikwiet Għawdex u jgħaddi min quddiem l-art in mertu – l-art "Tal-Makku".

[65] Konvenju a fol 278 u 279.
[66] Affidavit a fol 489 u 490.

Jgħid li l-art in mertu kellha xatba tintrabat b'qafla iżda mhux tissakkar.

Iżid li fl-1980 kien mietlu kelb tal-kaċċa li kien tella Għawdex miegħu u kienu qalulu jidfnu fl-art in kwistjoni iżda ma' setgħax peress li din blat.

Jiddikjara li darba huwa, ħuh Raymond, u r-raġel ta' kuġinthom Paul Cilia La Corte marru għand Mary Jane Cassar, ix-Xewkija. Jgħid li dakinhar sabu magħha lill-ulieda Eugenio u Joseph Cassar u Eugenio offra li jixtri sehemhom mill-art in mertu. Iżid li kien offra prezz ta' Lm17,000 b'dan li huma ma' aċċettawx dan il-prezz. Iżid li Paul qal lil Eugenio jekk hux lest li tinbiegħ l-art kollha u huma – Eugenio u Joseph – jitħallsu Lm20,000 għal sehemhom. Jgħid li din l-offerta ġiet rifjutata minnhom.

Jiddikjara li zijuh Giuseppi Grima kien qalilhom li Ganni Cassar, missier Eugenio u Joseph, kien qallu li jaf li hemm mhux kollu tagħhom iżda fuq hekk kien ser idaħħalhom il-Qorti.

Jirreferi għal-kontro-eżami li sar lilu qabel f'din il-kawża. Jgħid li f'tali kontro-eżami ġie ttentat li jitqajjem dubbju dwar jekk l-art li rċieviet nanntu Maria Grima bil-kuntratt tal-15 ta' Awwissu, 1926 hijiex differenti minn dik li tħalliet b'testment lil Cikka u Katerina.

Jgħid li huwa ċert li l-art li ngħatat lil nanntu Maria Grima fl-1926 hija l-art in mertu u dan peress li f'tali kuntratt hija deskritta bħala *terreno appellato tal-Macchu posto in contrada tal-Gruwa nei limiti del Casale Xeuchia di Gozo della capacita' l'intero di tre mondelli e tre misure confina l'intero da ponente con beni di Giuseppe Spiteri, da levante con beni di Giuseppe Portelli, da mezzodi colla strada, soggetto l'intero in scellini cinque annuo canone perpetuo*. Iżid li l-irjiħat jaqblu b'dan li huma minn dejjem kienu nfurmati mill-familjari tagħhom li sehemhom huwa fl-art in mertu.

Iżid li ma' jistax jgħid jekk l-art li tħalliet lil Cikka u Katerina bit-testment tat-18 ta' Settembru, 1940 hijiex l-istess għal dik in mertu stante li tali testment ftit jagħti dettalji għajr li jgħid li ċ-ċens pagabbli huwa ta' tnax-il Sterlina.

Jgħid li minn naħa l-oħra l-art li fuqha fdew iċ-ċens Cikka u Katerina għandha deskrizzjoni simili għall-art li tħalliet lil Maria Grima biċ-ċens

hemm imsemmi huwa ta′ 5 xelini. Iżid li jifhem għalhekk li din l-art hija wkoll l-art in mertu.

**In kontro-eżami**,[67] mistoqsi dwar it-total ta′ ċens kien jitħallas minn Mikiel Pace u għadda għand ibnu Guzepp Pace, xehed li hemmhekk kien il-qasma u qabdu u biegħu lil John Pace. Jiċċara li John Pace xtara nofs dak li kien ta′ nanntu Maria Grima bin-nofs l-ieħor ħaduh il-konvenuti.

Jgħid li ma′ jafx jgħid x′qies kellu s-sehem ta′ nanntu. Iżid iżda li l-art jafha sew.

Jgħid li meta l-Gvern wessgħa t-triq il-flus tal-akkwist tal-art li għamel il-Gvern intbagħtu lill-nanntu. Jgħid li kien żamm rendikont ta′ dan hu.

Għal darb′oħra mistoqsi jafx x′kien il-valur totali ta′ ċens li jitħallas dwar l-art kollha li kellu Mikiel Pace u li għaddiet lil Guzepp Pace jgħid li ma′ jafx.

Mistoqsi jekk iċ-ċens totali kienx ta′ Lira u tlettax-il xelin u erba′ soldi bil-parti ta′ nanntu kienet ta′ 25c, u jekk dan fdewħx, jgħid li nanntu kienet tiġbor ħlas fuq hemm għaliex Ganni Portelli kien jaħżen iż-żibel f′tagħha iżda jekk infediex ċens minnhom ma′ jafx.

Mistoqsi meta bil-kuntratt tal-1926 il-bużnannu tiegħu Guzepp Pace kien ta′ nofs indiviżi ta′ art lil nanntu Maria Grima, x′ġara minn nofs indiviż l-ieħor, jgħid li nannuh kien għamel żewġ kuntratti li b′wiehed ta′ donazzjoni lil nanntu u bl-ieħor tagħha sehemha. Iżid li hekk l-art ġiet waħda; tnejn f′waħda.

Jgħid li Guzepp Pace l-art li kellu qasamha bejn tlieta; biċċa ta b′donazzjoni lil nanntu, biċċa waslet għand il-konvenuti Cassar, u biċċa li kienet ta′ Katerina.

Jgħid li bil-kuntratt tal-1926 lill-nanntu, bużnannuh tagħha daqs kemm ta′ lill-oħrajn bl-art inqasmet bejn tlieta.

Mistoqsi jekk nanntu Maria Grima għamlitx qasma ma′ ħutha Katerina u Cikka jgħid li ma′ jafx imma t-tlieta l-istess kellhom.

---

[67] Traskrizzjoni mhux paginata.

Mistoqsi jaqbilx li fuq il-kuntratt li bih akkwista parti mit-territorju l-Gvern sabiex twessgħet it-triq nanntu Maria Grima ma' dehritx bħala parti jgħid li l-ħlas nanntu rċievitu, anke jekk ma' dehritx fuq il-kuntratt. Iżid li dan bilfors għax kellha sehem hi wkoll.

Mistoqsi jekk jafx li fuq il-kuntratt mal-Gvern dehru biss Cikka u Katerina u ddikjaraw li l-art ġiet għandhom bil-wirt mħolli lilhom minn missierhom jgħid li huwa jaf biss li hemm it-tlett ahwa Cikka, Katerina u Maria kellhom biċċa kull wieħed.

**Giuseppi Grima**, xehed permezz ta' affidavit.[68] Jiddikjara li huwa iben il-mejtin Giuseppi u Maria nee' Pace u joqod l-Awstralja. Iżid li nannuh Giuseppe Pace ta' nofs l-art fi Triq it-Torri Tinghi, ix-Xewkija, lill-ġenituri tiegħu b'donazzjoni.

Jiddikjara li zijuh Ganni Portelli - li martu hija Giovanna sive Ganna li tiġi oħt ommu - kien juża din l-art u ta' dan kien iħallas lill-ommu. Iżid li Ganni Portelli kien jaħdem mal-Gvern bħala kennies u kien jixħet iż-żibel f'din l-art. Jgħid li hekk baqa' jagħmel sal-1957.

Jiddikjara li zitu Cikka Pace kienet ukoll ħallset lill-ommu Lm80 bħala ħlas dovut mill-Gvern minħabba li ħa biċċa mill-proprjeta' ta' ommu. Jgħid li dawn il-flus ingħataw lill-ommu quddiem kuġintu Marigwann Cassar u oħtu Giovanna.

Jiddikjara li fl-2018 kien Għawdex għal btala u ra avviż li din l-art kienet għal bejgħ. Jgħid li meta mar lura l-Awstralja kellem lil ħutu – kemm li jgħixu hemm u kemm dawk f'Għawdex – b'dawn ikkonfermaw li ħadd minnhom ma' kien jaf li l-art kienet għal bejgħ.

Jgħid li ġie lura Malta sabiex jara x'qed jiġri u mir-riċerki kkonferma dak li kienu diġa jafu ossia; li huma jippossjedu nofs l-art ta' Triq it-Torri Tinghi.

[68] Affidavit a fol 281.

**Gracie Grima**, xehdet[69] li Maria Grima tiġi omm ir-raġel tagħha, Francis Grima, illum mejjet. Iżżid li l-art in mertu hija dejjem tafha bħala ta' omm ir-raġel tagħha. Tgħid li huma kienu jitilgħu Għawdex minn Malta u kien imur jiltaqa magħhom Ganni Portelli li kien jibgħat il-flus għal Maria Grima magħhom. Tgħid li dawn il-flus kienu l-ħlas sabiex huwa jutilizza sehemha mill-art għal-ħażna ta' xi żibel.

Tgħid li huma kienu jitilgħu Għawdex qisu kull ġimgħatejn jew tlieta filwaqt li Portelli kien iħallas xi darbtejn fis-sena.

Tgħid li hija ġieli marret f'dan ir-raba' u tiftakar anke li fih indifen kelb. Tgħid li r-raba' ma' kienx fiha ħafna ħamrija.

Tgħid li lil Ganni Portelli minn dejjem tiftakru jħallas favur l-użu minnu ta' din ir-raba'. Tgħid li hija għandha 88 sena, u binha għandu 65 sena u kienu ilhom jiġbru l-ħlas mingħand Portelli mindu binha kien tifel ċkejken.

**In kontro-eżami**,[70] xehdet li Cikka u Katerina Pace kienu zijiet tar-raġel tagħha Francis b'dan li huma ħut ommu Maria.

Tgħid li ma' tafx kif akkwistaw ir-raba' Cikka u Katerina.

Tafferma li Ganni Portelli kien iħallas sabiex jaħżen iż-żibel f'din ir-raba'.

Mistqosija jekk tafx li r-raba' hija ta' Cikka u Katerina tgħid li ma tafx imma dawn kienu ħajjin meta Ganni Portelli kien jgħaddi l-flus lilhom sabiex iħallsu lil Maria Grima. Tgħid li anke Giuseppe u Giuseppa Pace kienu ħajjin dak iż-żmien.

Tgħid li hija ma' tafx minn wiret ir-raba' iżda taf li Maria Grima dejjem semmiet din ir-raba'.

Iżżid li taħseb li Ganni Portelli kien iħallas Lm80.

[69] Traskrizzjoni a fol 286 u 287.
[70] Traskrizzjoni a fol 287 sa 289.

**Dun Tarcisio Camilleri** xehed[71] li huwa Arċidjaknu tal-Katidral ta' Għawdex u Vigarju Ġenerali tal-Kurja Veskovali.

Jixhed dwar ħlasijiet li kienu jsiru u jiġu ripurtati fir-Reġistru tal-Katidral dwar l-art in mertu mill-1940 sa' ma nfeda ċ-ċens u min kienu l-pagaturi matul iż-żmien kollu minn wara l-mewt ta' Giuseppe Pace. Jeżebixxi kopja ta' dokument li juri l-bidu tal-konċessjoni enfitewtika lil Mikiel Pace u kopji tal-paġni relattivi mir-Reġistru.[72]

Jixhed li l-għalqa in mertu kienet ingħatat b'ċens perpetwu lil Mikiel Pace b'din imbagħad għaddiet għand ibnu Guzepp Pace. Jaqbel li l-ħlas ta' sena waħda wara l-mewt ta' Guzepp Pace sar min bintu Maria Pace b'dan li mis-sena 1943 sas-sena 1976 dejjem tħallas minn Francesca Pace.

Iżid li ċ-ċens kien eventwalment infeda minn Francesca Pace.

**In kontro-eżami** xehed[73] li huwa ma' jafx jekk meta kienet tiġi persuna sabiex tħallas iċ-ċens kienux jikkonfermaw li din kienet intitolata tħallas iċ-ċens waħedha. Iżid li dan ma' jafux għaliex huwa ma' kienx fl-amministrazzjoni b'dik kienet f'idejn il-Kurja mhux il-Katidral. Iżid li huwa xehed biss bħala rappreżentant tal-Katidral. Iżid li huwa talab id-dokumenti lill-Kurja b'dan li m'għandu xejn xi jżid ma' li diġa qal.

**Raymond Grima**, xehed permezz ta' affidavit.[74] Jiddikjara li mhux minnu li Cikka u Katerina kienu jżommu l-art in mertu bħala proprjeta' assoluta tagħhom. Iżid li huma kienu jafu li din l-art kienet in komun ma' ħaddieħor iżda Cikka u Katerina kienu jużawha aktar biss għaliex il-familjari tiegħu kienu jgħixu Malta. Iżid li fil-fatt il-familjari tiegħu kienu baqgħu jidħlu u jużaw din l-art meta jridu.

Jiddikjara li l-parti ta' quddiem tal-art kienet blat u qasab mentri l-parti ta' wara kienet tintuża sabiex fiha jinżamm xi żibel. Iżid li l-art ma' setgħetx tinħadem għax kienet blat.

71 Traskrizzjoni a fol 367 sa 371.
72 Kopji tal-pagni tar-Registru tal-Katidral a fol 372 sa 377.
73 Traskrizzjoni a fol 503 u 504.
74 Affidavit a fol 487 u 488.

Jiddikjara li għal xi żmien daħal fil-pusess ta' l-art Ganni Portelli b'dan kien iħallas il-kera lin-nanna tiegħu. Iżid li dan Portelli kien jaħdem kennies mal-Gvern u kien jiddepożita ż-żibel f'din l-art. Jispjega li Ganni Portelli kien jiġi missier il-konvenuta Mary Jane Cassar.

Jiddikjara li għalkemm huwa u l-familjari tiegħu jgħixu Malta, huma ta' sikwit ikunu Għawdex u missieru kien sikwit jeħodhom fejn l-art in mertu u jgħidilhom li huma kellhom sehem minnha. Iżid li huwa waħdu wkoll jitla' sikwiet Għawdex u jgħaddi minn quddiem l-art in mertu – l-art "Tal-Makku".

Jgħid li l-art in mertu kellha xatba tintrabat b'qafla iżda mhux tissakkar.

Iżid li fl-1980 huh Joseph mietlu kelb tal-kaċċa u kienu qalulu jidfnu fl-art in kwistjoni iżda ma' setgħax peress li din blat.

Jiddikjara li darba huwa, ħuh Joseph, u ir-raġel ta' kuġinthom Paul Cilia La Corte marru għand Mary Jane Cassar, ix-Xewkija. Jgħid li dakinhar sabu magħha lill-ulieda Eugenio u Joseph Cassar u Eugenio offra li jixtri sehemhom mill-art in mertu. Iżid li kien offra prezz ta' Lm17,000 b'dan li huma ma' aċċettawx dan il-prezz. Iżid li Paul qal lil Eugenio jekk hux lest li tinbiegħ l-art kollha u huma – Eugenio u Joseph – jitħallsu Lm20,000 għal sehemhom. Jgħid li din l-offerta ġiet rifjutata minnhom.

Jiddikjara li zijuh Giuseppi Grima kien qalilhom li Ganni Cassar, missier Eugenio u Joseph, kien qallu li jaf li hemm mhux kollu tagħhom iżda fuq hekk kien ser idaħħalhom il-Qorti.

Jirreferi għal-kontro-eżami ta' ħuh Joseph. Jgħid li f'tali kontro-eżami ġie ttentat li jitqajjem dubbju dwar jekk l-art li rċieviet nanntu Maria Grima bil-kuntratt tal-15 ta' Awwissu, 1926 hijiex differenti minn dik li tħalliet b'testment lil Cikka u Katerina.

Jgħid li huwa ċert li l-art li ngħatat lil nanntu Maria Grima fl-1926 hija l-art in mertu u dan peress li f'tali kuntratt hija deskritta bħala *terreno appellato tal-Macchu posto in contrada tal-Gruwa nei limiti del Casale Xeuchia di Gozo della capacita' l'intero di tre mondelli e tre misure confina l'intero da ponente con beni di Giuseppe Spiteri, da levante con beni di Giuseppe Portelli, da mezzodi colla strada, soggetto l'intero in scellini cinque annuo canone*

*perpetuo*. Iżid li l-irjiħat jaqblu b'dan li huma minn dejjem kienu nfurmati mill-familjari tagħhom li sehemhom huwa fl-art in mertu.

Iżid li ma' jistax jgħid jekk l-art li tħalliet lil Cikka u Katerina bit-testment tat-18 ta' Settembru, 1940 hijiex l-istess għal dik in mertu stante li tali testment ftit jagħti dettalji għajr li jgħid li ċ-ċens pagabbli huwa ta' tnax-il Sterlina.

Jgħid li minn naħa l-oħra l-art li fuqha fdew iċ-ċens Cikka u Katerina għandha deskrizzjoni simili għall-art li tħalliet lil Maria Grima biċ-ċens hemm imsemmi huwa ta' 5 xelini. Iżid li jifhem għalhekk li din l-art hija wkoll l-art in mertu.

**In kontro-eżami**,[75] xehed li dwar l-art li ttentaw jifdu ċ-ċens tagħha Cikka u Katerina u dik in mertu tal-kawża, dawn huma l-istess art. Iżid li huma jafu li għandhom sehem minn tali art għax missieru dejjem hekk qal u nanntu kienet titħallas il-kera fuqha.

Mistoqsi jafx jiddistingwi bejn l-art li Guzepp Pace ta lil uliedu Cikka u Katerina u l-art li ta lil bintu Maria Grima u jekk jafx x'territorju kellu l-istess Guzepp Pace jgħid li Guzepp kellu erba' partijiet bi tnejn ingħataw lil nanntu Maria. Iżid li bl-amment ma' jafx kemm kien kbir ir-raba' "Tal-Makku".

Jgħid li miż-żewġ partijiet li kienu messew lil nanntu huma ġabru l-flus fuq parti iżda mhux fuq oħra.

Mistoqsi dwar l-art li Guzepp Pace ta' b'assenjazzjoni fl-1926 u ħalla b'testment fl-1940 jgħid li *dawk huma zewg bicciet fejn xulxin kienu*.[76]

Jgħid li biċċa mill-biċċtejn li ġew għand nanntu Maria inbiegħet minn wara daharhom lil John Pace li bniha. Jgħid li huma ħadu passi kontra John Pace.

Jgħid li l-art tagħhom kienet tiġi bejn ta' Andreana u Cikka b'dan li Andreana u l-konvenuta imbagħad ftehmu sabiex ħadu biċċa minnha kull wieħed. Jgħid li ma' John Pace li akkwista mingħand Andreana waslu u dan xtara mingħandhom. Iżid iżda li l-porzjon li kapparraw il-

[75] Traskrizzjoni mhux paginata.
[76] Citazzjoni mit-3 pagna tat-traskrizjzoni tax-xhieda.

konvenuta u familta ma waslux dwarha anzi; ġie mitqal lilhom li għalkemm hemm konoxxjenza li parti mill-art hija tagħhom kienu ser jittieħdu passi legali.

Jgħid li meta Cikka u Katerina dehru fuq kuntratt li bih biegħu parti mill-art lill-Gvern għat-twessiegħ tat-triq il-ħlas tal-bejgħ mar għand nanntu Maria Grima għax hemm ma' kienx ta' Cikka u Katerina. Jgħid li l-ħlas kien ta' xi Lm80. Jgħid li ma' jafx jgħid jekk l-art li nbiegħet lill-Gvern hix qiegħda quddiem dik li jippretendu huma.

Jgħid li ma' jafx minn deher fuq il-kuntratt li sar mal-Gvern u anqas jaf b'dikjarazzjoni dwar minn irċievha l-ħlas.

Mistoqsi jekk Ganni Portelli, li kien kennies, kiex jaħdem biċċa mill-art ta' martu jgħid li l-art ma' kienitx tinħadem għax blat.

Jgħid li skontu xejn mit-territorju li Mikiel Pace kien ħa mill-Knisja ma' kien jinħadem għax hemm kollu blat u għadu qasab sallum. Mistoqsi jiċċara jgħid li l-biċċa li messet lilhom ma' kienitx tinħadem għax kienet blat. Jgħid li jekk kien hemm naqra ħarmija kienet in-naħa l-oħra.

Mistoqsi jekk qattx saret diviżjoni tat-territorju kollu jgħid li dak iż-żmien ma' kienitx issir qasma. Jgħid li minkejja dan kulħadd kien jaf li hemm kulħadd kellu biċċa. Iżid li l-unika qasma saret biss meta l-oħrajn riedu jbiegħu lil John Pace.

Jgħid li huma qatt ma' kienu jagħtu każ.

Mistqosi ta' minn kien in-nofs indiviż l-ieħor meta fl-1926 il-bużnannu tiegħu Guzepp Pace ta' nofs indiviż lin-nanna tiegħu Maria Grima jgħid li n-nofs indiviż ingħata aktar tard. Mistoqsi fejn hu l-kuntratt dwar in-nofs indiviż l-ieħor jgħid li minn dejjem hekk kienet dik. Mistoqsi ulterjorment jiċċara li n-nofs indiviż mogħti lill-nanntu fl-1926 kien f'żewġ partijiet fejn xulxin.

**Paul Cilia La Corte** xehed permezz ta' affidavit.[77] Jiddikjara li martu tiġi kuġina ta' l-aħwa Joseph u Raymond Grima.

Jgħid li darba huwa kien ma' Joseph u Raymond Għawdex fejn marru għand ċerta Mary Jane Cassar, ix-Xewkija. Iżid li magħha kien hemm żewġt' ulied tagħha, Joseph u Eugenio.

Jgħid li Eugenio kien offra lill-aħwa Grima li jixtri sehemhom mill-art in mertu – "Tat-Tinghi". Iżid li għal dan kien offra Lm17,000 li huma kienu qiesu inaċċettabbli.

Iżid li huwa għamel proposta li minflok tinbiegħ l-art kollha u mir-rikavat Joseph u Eugenio jitħallsu Lm20,000, allura aktar milli huma offrew lill-aħwa Grima. Jgħid li Joseph u Eugenio dan ma' aċċettawx għax kienu jafu li hemm jiswa aktar.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawża l-atturi – ilkoll dixxendenti ta' Maria Grima nee' Pace, bint Giuseppe sive Guzepp sive Joseph Pace u Giuseppa sive Josephine sive Guzeppa Pace nee' Saliba – talbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-art magħrufa bħala "Tat-Tinghi" jew "Ic-Cens" jew "Ta' Tramakku" jew "Ta' Makku" tal-kejl ta' ċirka 285m.k. u li tinsab fi Triq it-Torri Tingi, ix-Xewkija, Għawdex hija miżmuma in komproprjeta' minnhom f'sehem ta' nofs indiviż flimkien mal-konvenuti, dixxendenti ta' Mary Jane Cassar, bint Giovanna sive Ganna Portelli nee' Pace, li kienet tiġi oħt l-aventi kawża tagħhom l-atturi; l-imsemmija Maria Grima nee' Pace.

Konsegwentement talbu lil din il-Qorti tordna l-qasma u diviżjoni ta' tali art f'żewġ porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda lilhom atturi u oħra lill-konvenuti u, f'każ li l-istess mhijiex komodament diviżibbli, tordna l-bejgħ bil-liċitazzjoni u l-qasma tar-rikavat bejn il-partijiet atturi u konvenuti.

[77] Affidavit a fol 491.

Il-konvenuti laqgħu għal dan billi, *inter alia*, qajmu eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni deċennali ai termini tal-Artikolu 2140 u dik trentennali ai termini tal-Artikolu 2143, it-tnejn tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Aktar tard, u b'eċċezzjoni ulterjuri sollevata permezz ta' risposta ulterjuri,[78] qajmu wkoll l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2144 tal-istess Kap. 16.

Din il-Qorti tosserva li l-kawża baqgħet tiġi differita għall-provi dwar tali eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti b'dan li kienet anke ġiet ordnata u osservata l-inverżjoni tal-provi.

Din il-Qorti sejra għalhekk tissofferma ruħha fuq il-mertu tal-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti fil-konfront tat-talbiet atturi stante li, jekk tiġi milqugħa xi waħda mill-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti tiġi fit-tmiem din il-kawża b'dan li ma' jibqax allura neċessarju li jsiru kunsiderazzjonijiet tal-mertu oltre dawk rikjesti għad-deċiżjoni dwar il-varji termini preskrittivi eċċepiti mill-konvenuti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Qabel xejn, din il-Qorti tqis li in vista tal-provi varji li jinsabu in atti u tat-trapass taż-żmien minn meta ġiet intavolata l-kawża, ikun opportun li jsir rendikont tal-fatti saljenti tal-kawża qabel jinbdew il-kunsiderazzjonijiet legali.

Jirriżulta ampjament li kemm l-awtriċi tal-atturi, Maria Grima nee' Pace, kif ukoll dik tal-konvenuti, Mary Jane Cassar, akkwistaw xi art mil-poter tal-antenati tagħhom u dan kif ser jiġi hawn spjegat:

i. Bis-saħħa ta' kuntratt ta' ċens perpetwu tal-14 ta' Mejju 1875 in atti Nutar Vincenzo Refalo,[79] l-antenat tal-partijiet Michele sive Mikiel Pace – missier Giuseppe Pace li jiġi allura l-bużnannu tal-partijiet – akkwista mingħand il-Kapitlu tal-Knisja Kolleġjata ta' Għawdex, illum il-Katidral ta' Għawdex, medda ta' art imsejjħa "Ta' Macchu"

[78] Risposta ulterjuri a fol 310.
[79] Ref. kopja tal-kuntratt a fol 385 sa 392. Ref. ukoll nota dwar l-istess mizmuma mir-Registru tal-Katidral ta' Ghawdex a fol 372.

fil-limiti tax-Xewkija, Għawdex. Ebda pjanta ma' tirriżulta li kienet annessa ma' dan il-kuntratt;

ii. Jirriżulta nkontestat li din l-art, jew xi porzjon minnha, għaddiet għand iben Michele Pace, Giuseppe Pace, għalkemm ebda kuntratt dwar dan ma' ġie eżebit in atti;

iii. Da parti tiegħu, Giuseppe Pace rrediġa żewġ kuntratti notarili li bih għadda porzjonijiet ta' art lil tlieta minn uliedu; Katerina miżżewġa Debrincat, Francesca sive Cikka, u Maria miżżewġa Grima, aħwa ġermani Pace ossia:

   a) Il-kuntratt ta' assenjazzjoni tal-15 ta' Awwissu, 1926 in atti Nutar Francesco Refalo,[80] li bih assenja nofs indiviż tat-terren magħruf bħala "Tal-Macchu" fil-kontrada "Tal-Gruwa" fil-limiti tax-Xewkija, Għawdex tal-kejl ta' ċirka *tre mondelli e tre misure* u suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' *scellini cinque* lil bintu Maria Grima – ebda pjanta ma' kienet annessa ma' dan il-kuntratt,[81] u;

   b) It-testment tat-18 ta' Settembru, 1940 in atti Nutar Francesco Refalo,[82] li bih, flimkien ma' martu, ħalla lil uliedu Francesca u Katerina l-mandretta magħrufa bħala "Tax-Xeuchia" fi Strada Tinghi fix-Xewkija, Għawdex tal-kejl ta' ċirka nofs tomna u suġġetta għaċ-ċens annwu ta' *eleven pounds sterling* – ebda pjanta ma' kienet annessa ma' dan it-testment.[83]

---

[80] Kuntratt a fol 265 u 266.

[81] *Il di quindici del mese di Agosto dell'anno mille nove cento e ventisei 1926. Avanti a me Notaro ed alla presenza degli infrascritti testimoni legalmente idonei sono comparsi personalmente: Giuseppe Pace, agricoltore, figlio del defunto Michele, nato e residente nel Casale Xeuchia a Gozo; E Giuseppe Grima, impiegato nell'arsenale, figlio di Carlo nato nel Casale Xeuchia Gozo e residente in Birkirkara, Malta, il quale […] nel presente contratto a nome e per parte di sua moglie Maria figlia di Giuseppe Pace nata nel Casale Xuechia Gozo residnete in Birkirkara Malta; A me Notaro noti. In vigor del presente contratto il detto Giuseppe Pace ha assegnato ed assegna con titolo d'assegniazione al detto Giuseppe Grima a nome di sua consorte Maria figlia di detto comparante Giuseppe Pace la meta indivisa del terreno appellato tal-Macchu posto in contrada tal-Gruwa nei limiti del Casale Xeuchia di Gozo della capacita' l'intero di tre mondelli e tre misure confina l'intero da ponente con beni di Giuseppe Spiteri, da levante con beni di Giuseppe Portelli, da mezzodi colla strada, soggetto l'intero in scellini cinque annuo canone perpetuo verso il padrone diretto proprietario […]*

[82] Testment a fol 40 sa 42 u ghal darb'ohra a fol 315 sa 317.

[83] *On this the eighteenth day of September of the year one thousand nine hundred and forty […] 1940 […]. Before me Francesco Refalo Notary Public of Malta and in the presence of the undersigned qualified witnesses have personally come and appeared: Giuseppe Pace, farmer, son of the late Michele and of the late Giovanna nee' Spiteri, and his wife Giuseppa daughter of the late Francesco Saliba and of the late Caterina nee' Grima, both born and residing at Casal Xeuchia Gozo; appearers being known to me the said Notary; The said Giuseppe and Giuseppa Pace husband and wife being sound of their mind and enjoying all their intellectual faculties have seen and thought fit to draw up their present public testament by virtue of which they direct and order the following dispositions: […] The said testators Giuseppe and Giuseppa Pace husband and wife have left by title of legacy in full ownership to their children Francesca and*

iv. Wara dan, u wara l-mewt ta' missierhom Giuseppe Pace, l-aħwa Francesca Pace, Katerina Debrincat, u Maria Grima flimkien ma' terzi lkoll dehru fuq att ta' diviżjoni tat-13 ta' April, 1945[84] permezz ta' liema qasmu diversi proprjetajiet provenjenti lilhom mil-wirt tal-ġenituri tagħhom Giuseppe u Giuseppa Pace. Għal darb'oħra ebda pjanti ma' ġew annessi ma' dan il-kuntratt.

v. Minn hawnhekk:

a) l-aħwa Francesca Pace u Katerina Debrincat dehru fuq kuntratt tal-25 ta' Awwissu, 1967 in atti Nutar Alexander Grech[85] permezz ta' liema biegħu porzjon ta' art lill-Gvern ta' Malta li ġiet akkwistata sabiex twessgħet Triq Tingi. F'dan l-istess kuntratt din il-porzjon art ġiet identifikata bħala perċepita minnhom mill-wirt ta' missierhom Giuseppe Pace u li kienet derivanti mill-kuntratt ta' emfitewsi li ffirma nannuhom Michele Pace mal-Knisja fl-14 ta' Mejju, 1875. Ma dan il-kuntratt ġiet annessa pjanta li turi l-art akkwistata mil-Gvern kif attigwa mal-art in mertu ta' din l-istanza;[86]

b) Francesca Pace dehret fuq kuntratt ta' donazzjoni tas-17 ta' Lulju, 1995 in atti Nutar Paul George Pace[87] bis-saħħa ta' liema trasferit b'titolu ta' donazzjoni rrevokabbli a favur Mary Jane Cassar – omm il-konvenuti – nofs indiviż tad-drittijiet tagħha mill-porzjon art "Ta' Makku" fi Triq it-Torri Tingi, ix-Xewkija, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka 570m.k. Ma' dan il-kuntratt ġiet ukoll annessa pjanta li turi l-art in mertu;[88]

---

*Catherina Pace, sisters both spinsters, the mandretta designated tax-Xeuchia situate Strada Tinghi of Casal Xeuchia Gozo measuring over half tumolo subject to the annual ground rent and to the payment of eleven pounds sterling moreover all the […] furniture, clothing, movables, money, golden and silver articles, […] and every other thing that may be found in their dwelling […] of the death of the surviving party of the said testators married couple Pace.*

84 Kuntratt ta' divizjoni a fol 356 sa 365.

85 Kuntratt a fol 344 sa 355.

86 Pjanta a fol 355.

87 Kuntratt a fol 33 sa 36 u ghal darb'ohra a fol 319 sa 323.

88 *Illum is-sbatax (17) ta' Lulju tal-elf disa' mija u hamsa u disghin (1995). Quddiemi Nutar Dottor Paul George Pisani u quddiem ix-xhieda hawn taht iffirmati minni maghrufa u li ghandhom il-kwalitajiet kollha li trid il-ligi, dehru personalment u identifikaw ruhhom bid-dokumenti hawn taht indikati:- Min-naha l-wahda:- Francesca Pace, xebba, bint il-mejtin Joseph Pace u Josephine nee' Saliba, imwielda u residenti s-Xewkija, Ghawdex […] – hawn taht imsemmija: "Id-Donanti". U min-naha l-ohra:- Mary Jane Cassar mart Francesco Cassar, bint il-mejtin Ganni Portelli u Giovanna nee' Pace, imwielda u residenti x-Xewkija, Ghawdex (Karta ta' Identita' Numru: 45429(G)) – hawn taht imsemmija: "Id-Donatarja". Minni Nutar maghrufin. Bis-sahha ta' dana l-att id-donanti qieghda tassenja u tittrasferixxi b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli, b'effett mil-lum a favur tad-donatarja, li taccetta u takkwista in-nofs*

c) Il-porzjon li kien ta' Katerina Debrincat nee' Pace jirriżulta li għaddha għand żewġha Giovanni sive John sive Ganni Debrincat wara il-mewt tagħha bis-saħħa ta' testment *unica charta* tagħhom tal-1 ta' Ottubru, 1984 in atti Nutar Michael Refalo[89] b'dan li wara għaddha għand bint Giovanni Debrincat miż-żwieġ preċedenti tiegħu ma' Giovanna nee' Attard, ossia, Andreana Mizzi nee' Debrincat, bis-saħħa tat-testment tiegħu tas-27 ta' Ottubru, 1994 in atti Nutar Paul George Pisani.[90]

d) Mary Jane Cassar u Andreana Mizzi mbagħad dehru fuq kuntratt ta' diviżjoni tal-21 ta' Ottubru, 1997 in atti Nutar Enzo Dimech[91] permezz ta' liema ddividew bejniehtom u assenjaw lil xulxin porzonijiet diviżi tal-kejl ta' 285m.k. mill-art in mertu. Ma' dan il-kuntratt ġew annessi pjanti relattivi.

e) Andreana Mizzi mbagħad għaddiet sabiex biegħet is-sehem diviż tagħha ta' 285m.k. lil John Pace permezz ta' kuntratt tat-12 ta' Mejju, 2000 in atti Nutar Enzo Dimech[92] ma' liema ġew ukoll annessi pjanti relattivi.

vi. Jirriżulta wkoll li:

a) l-aħwa Francesca Pace u Katerina Debrincat kienu fdew iċ-ċens gravanti l-proprjeta' tagħhom permezz ta' ċedola ta' fidi ta' ċens tat-22 ta' Novembru, 1983[93] liema fidi ġie

*(1/2) indiviz ossija d-drittijiet kollha spettanti lid-donanti minn porzjon art imsejha "Ta' Makku" fi Triq it-Torri Tingi, Xewkija, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka hames mija u sebghin metri kwadri (570 m.k.) u tmiss min-nofsinhar mat-triq, lvant ma' beni ta' Liza Portelli, u punent ma' beni ta' Mikieli Spiteri jew aventi kawza, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha u bil-pussess vakanti u kif ahjar murija fuq il-pjanta u site-plan hawn annessi u markati Dokument "A" u "B" rispettivament.*

[89] Testment a fol 393 u 394. Ref ukoll id-dikjarazzjoni *causa mortis* maghmulha wara l-mewt ta' Katerina Debrincat nee' Pace fid-9 ta' Jannar, 1995 in atti Nutar Enzo Dimech a fol 395 sa 398 fejn l-art hija deskritta bhala *nofs (1/2) indiviz tal-bicca raba' fi Triq it-Torri Tingi, Xewkija, Ghawdex, l-intier tal-kejl ta' cirka hames mija sebgha u sittin metri kwadri (567m.k.).*

[90] Testment a fol 330 u 331 fejn l-art hija deksritta bhala *is-sehem kollu lilu spettanti mill-art imsejha "Tac-Cens" fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex, bil-kejl kollu li fiha.*

[91] Kuntratt a fol 267 sa 271 u ghal darb'ohra a fol 324 sa 328.

[92] Kuntratt a fol 272 sa 276.

[93] Cedola a fol 131.

rikonoxxut ukoll mil-Prokuratur tal-Katidral ta' Għawdex b'dikjarazzjoni tal-11 ta' Novembru, 2002.[94]

b) L-atturi jew familjari tagħhom kienu daħlu fi ftehim ma' John Pace li akkwista is-sehem tal-art mingħand Andreana Mizzi u mal-istess Andreana Mizzi fejn ġew rikonoxxuti bħala sidien ta' porzjon mill-art li Andreama Mizzi biegħet lil John Pace u ntlaħaq arranġament dwar dan. L-uniku prova ta' tali ftehim li għandha din il-Qorti in atti huwa konvenju mingħajr pjanta datat it-3 ta' Frar, 2001.[95]

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Din il-Qorti tibda qabel xejn sabiex tosserva li hemm diverġenza bejn il-partijiet kontendenti dwar jekk l-art mertu ta' din l-istanza u li fuqha jippretendu li għandhom xi drittijiet l-atturi hijiex l-istess art bħal dik li għaddiet għand l-atturi bl-atti rilevanti surreferiti.

L-atturi jinsistu li din hija l-istess art għax lilhom dejjem hekk ġie mitqal mentri l-konvenuti jgħidu li jirriżulta li l-artijiet suġġett ghal-kuntratti suċċitati jistgħu jkunu diversi minn dik in mertu ta' din l-istanza.

Il-Qorti tibda sabiex tosserva li filwaqt li l-konvenuti kienu konsistenti fix-xhieda tagħhom kif ukoll bil-pjanti li eżebew tul il-proċeduri dwar liema kienet l-art li waslet għandhom mingħand l-awturi tagħhom; l-atturi ma' kienux daqstant konsistenti fil-konfront tal-art li jgħidu li waslet għandhom u jekk din hijiex l-istess li dwarha huma konsistenti l-konvenuti b'dan li xi drabi fix-xhieda tagħhom jiddistingwu bejn art "Tal-Gruwa" u oħra "Ta' Makku".

Tali kunsiderazzjoni hija aktar waħda in mertu b'din il-Qorti tista tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar dan fuq eżami tal-kuntratti u pjanti in atti.

Li huwa ċert iżda hu li hemm qbil bejn il-partijiet dwar li t-talbiet u l-eċċezzjonijiet għandhom jitqiesu fuq il-medda ta' art li tirriżulta mil-

[94] Dikjarazzjoni a fol 43.
[95] Konvenju a fol 278 u 279.

pjanta annessa mar-rikors promotur a fol 5 tal-proċess liema pjanta tirriżulta annessa ma' varji kuntratti ohra in atti.

Dan il-qbiela jirriżulta ċar minn kif ġew interposti t-talbiet u l-eċċezzjonijiet. B'din il-Qorti tqis ukoll li rigward l-eċċezzjonijiet preliminari tal-preskrizzjoni qajla huwa rilevanti li tiġi identifikata b'mod preċiż l-art stante li jekk għaddewx it-termini preskrittivi o meno hija kwistjoni ndipendenti minn dan u waħda imsejsa biss fuq żminijiet dekoribbli kalkolabbli.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Jirriżulta ċar mill-provi, kif anke jammettu x-xhieda atturi Grima, li Katerina Debrincat nee' Pace kif ukoll Francesca Pace kienu jipposjedu l-art in mertu anke peress li l-atturi flimkien mal-axxendenti tagħhom, kienu jgħixu Malta mentri l-art tinsab Għawdex.

Ix-xhieda atturi Grima fil-fatt jgħidu li għalkemm Giuseppe Grima, żewġ Maria Grima nee' Pace, kien jgħidilhom li għandhom xi sehem mill-art u kien anke jeħodhom fejn l-art, huwa ma' kienx ċert minn fejn jemani dan is-sehem reklamat minnu b'dan li huma qatt ma' taw każ, minkejja li din l-art kienet magħluqa b'bieba, sew jekk tali bieba kienet tissakkar b'ċavetta kif jgħidu l-konvenuti jew tinqafel biss b'qafla kif jgħidu l-atturi.

B'dan li allura, u semmai, kellhom ikunu Maria Grima nee' Pace jew żewġha Giuseppi Grima li sa minn dak l-istadju jieħdu l-passi opportuni sabiex jipproteġu kwalunkwe' dritt pretiż minnhom.

Jingħad li dawn Giuseppe Grima u martu Maria Grima nee' Pace iżżewġu fil-11 ta' Novembru, 1922[96] u, skont il-provi, jidher li sa' minn dakinhar ħut Maria Grima, wara li din niżlet tgħix Malta wara li żżewġet, ħadu l-pussess tal-art in mertu.

L-atturi jgħidu li l-art jafuha meta kien għadhom tfal. Jallegaw ukoll li jafu lil Giovanni sive Ganni Portelli, mart Giovanna sive Ganna Portelli nee' Pace omm il-konvenuta oriġinali Mary Jane Cassar u allura n-nanna

[96] Certifikat taz-zwieg a fol 37

tal-konvenuti preżenti, jużaha sabiex fiha jiddepożita xi skart li kien jiġbor bħala kennies mal-Gvern u li kien imbagħad ibiegħ lill-terzi bħala demel. B'dan li jżidu li għal dan kien iħallas xi tip ta' kera lil Maria Grima nee' Pace.

L-atturi jallegaw ukoll li fuq il-kuntratt li sar mal-Gvern għal-bejgħ ta' porzjon mill-art in mertu għalkemm nannithom Maria Grima nee' Pace ma dehritx xorta rċieviet xi ħlas għaliex skonthom minn dik l-art kellha sehem.

Iżidu jgħidu li ladarba Andreana Mizzi u John Pace aċċettaw li mill-art li nbiegħet bejniethom kellhom sehem l-atturi, tant ieħor kellha taċċetta l-awtriċi tal-konvenuti Mary Jane Cassar iżda din m'għamlitx hekk.

Din il-Qorti tqies li dwar l-ftehim li sar bejn l-atturi, John Pace, u Andreana Mizzi dan huwa *res inter alios acta* għall-konvenuti.

Oltre dan, l-atturi anqas ġabu stralċ ta' prova dwar ħlas ta' xi kera li kien allegatament iħallas Giovanni Portelli lil Maria Grima nee' Pace.

Minn naħa l-oħra, il-kuntratt ta' bejgħ huwa ċar li l-ħlas mill-Gvern ġie riċevut u aċċettata mill-partijiet hemm kontraenti Francesca Pace u Katerina Debrincat b'xejn allegat mill-atturi dwar xi ħlas li għaddha għand Maria Grima wara dan il-bejgħ m'huwa pruvat sodisfaċjentement.

L-atturi mbagħad jallegaw li f'xi żmien kienu għand Mary Jane Cassar u wliedha Eugenio u Joseph Cassar għamlu offerta sabiex jixtru sehem tagħhom mill-art in mertu. Dawn iż-żewġ ulied ta' Mary Jane Cassar ilkoll xehdu f'dawn il-proċeduri b'dan ma' rriżultax verosimili.

Jibqa wkoll il-fatt li l-atturi lkoll jixdhu li huma ta' spiss kienu jitilgħu Għawdex. Jgħidu wkoll li kienu jmorru fejn l-għalqa in mertu. B'din il-Qorti għalhekk tistaqsi għalfejn allura mhux ukoll ġo fiha iżda biss fejnha u għalfejn meta miet il-kelb ta' Joseph Grima dan, fi kliemu, ingħata permess jidfen il-kelb f'din l-għalqa imma ma' setgħax għaliex din blat? Jekk tassew l-għalqa kellhom sehem minnha kif jippretendu xi ħtieġa kellu għal permess?

Magħdud dan, din il-Qorti issib illi jekk tassew l-atturi jemmnu li għandhom id-drittijiet vantati minnhom f'din il-kawża, kellu jirriżulta li huma ħadu passi aktar kmieni mill-preżentazzjoni ta' din il-kawża. Xi ħaġa li ma' rriżultatx.

Dan jixhdu ulterjorment il-fatt li anke ċ-ċens pagabbli fuq l-art in mertu baqa' jitħallas mill-antenat tal-partijiet Giuseppe Pace sas-sena 1941 b'dan li tħallas minn Maria Grima biss fl-1942 mentri mill-1943 'il quddiem baqa' jitħallas minn Francesca Pace sa ma' nfeda fl-1983.[97]

Fl-ebda mument fil-medda ta' dan iż-żmien ma' jirriżulta li ttieħdu xi passi mill-atturi jew l-awturi tagħhom sabiex jipproteġu d-drittijiet hawn issa vantati minnhom.

Il-Qorti tapprezza dak li pruvat tagħmel l-avukat difensur tal-atturi fil-kontro-eżami ta' Dun Tarcisio Camilleri, il-Vigarju Ġenerali tal-Kurja u Arċidjaknu tal-Katidral rigward jekk dawn jagħmlux verifiċi dwar xi dritt għandu fuq l-art enfitewtika wieħed li jmur sabiex iħallas iċ-ċens.

B'dan iżda li mill-assjem tal-provi kkunsidrati mal-kuntratti varji kif ukoll ma' l-estratti mir-Reġistru tal-Katidral; jirriżulta ferm aktar verosimili li jekk f'sena waħda biss l-awtriċi tal-atturi ħallset iċ-ċens fuq l-art li l-konvenuti jinsistu li hija tagħhom, huwa ferm aktar probabbli li dan għamlitu għal xi raġuni lill'hemm mill-ħsieb li għandhom l-atturi. Dan stante illi li kieku l-awtriċi tal-atturi kienet tassew tippretendi li hemm tagħha u marret sabiex terġa tħallas u sabet li tħallas minn ħaddiehor, ċertament li kien sta għalija li tieħu passi opportuni b'mod immedjat.

Din il-Qorti tqies allura li sa' mis-sena 1945 meta Francesca Pace, Katerina Debrincat u Maria Grima, aħwa ġermani Pace, flimkien ma' terzi, dehru fuq l-att ta' diviżjoni tat-13 ta' April, 1945 in atti Nutar Francesco Refalo u qasmu u assenjaw l-assi provenjenti mill-wirt tal-ġenituri tagħhom Giuseppe u Giuseppa Pace, l-aħwa Francesca Pace u Katerina Debrincat ħaddnu l-art in mertu bħala unikament tagħhom u ad esklużjoni ta' kull ħaddiehor.

[97] Ref. estratti mir-Registru tal-Katidral ta' Ghawdex a fol 375, dokument tal-istess Katidral a fol 376, dokument iehor tal-istess Katidral a fol 377, u cedola ta fidi a fol 131.

Dan jirriżulta ulterjorment mill-provenjenza mnissla fil-kuntratt tal-25 ta' Awwissu, 1967 li permezz tiegħu l-istess aħwa Francesca Pace u Katerina Debrincat biegħu porzjon mill-istess art lill-Gvern ta' Malta sabiex twesseġħt Triq it-Torri Tingi, ix-Xewkija.

L-imsemmi kuntratt ta' bejgħ li sar mal-Gvern ta' Malta, oltre li jgħid li l-aħwa Francesca u Katerina wirtu l-art in mertu mingħand missierhom Giuseppe sive Joseph Pace, iżid jgħid li *l-imsemmi Joseph Pace miet fit-tmintax ta' Frar elf disa' mija tnejn u erbghin*[98] *u l-wirt tieghu gie denunzjat bl-avviz numru tnax tas-sena elf disa' mija u erbgha u erbghin u ghalkemm l-imsemmi fond mhux inkluz fl-imsemmi avviz il-perijodu ta' preskrizzjoni ma' giex interrot kif jirrizulta mill-ittra tal-Commissioner of Inland Revenue annessa ma' dana l-att u mmarkata bl-ittra "B".*[99]

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Magħdud dan, l-artikoli ta' preskrizzjoni ċitati mill-konvenuti fir-risposti tagħhom għall-kawża odjerna huma l-Artikolu 2140, l-Artikolu 2143, u l-Artikolu 2144 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dawn l-artikolu jaqraw kif isegwi:

> **2140.** *(1) Kull min b'bona fidi u b'titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjetà, jipposjedi ħaġa immobbli għal żmien ta' għaxar snin, jakkwista l-proprjetà tagħha.*
>
> *(2) Jekk it-titolu jkun ġej minn att li, skont il-liġi, għandu jkun inskritt fir-Reġistru Pubbliku, iż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni ma jibdiex miexi ħlief mill-jum tal-iskrizzjoni ta' dak l-att.*
>
> **2143.** *L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqgħu bil-preskrizzjoni egħluq tletin sena, u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi.*
>
> **2144.** *(1) Iż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni msemmi fl-artikoli 2140 u 2143 ma jgħoddx għall-preskrizzjoni fil-każ ta' immobbli suġġett għal*

---

[98] Hawnhekk jirrizulta zball tal-pinna stante li skond ic-certifikat tal-mewt tieghu a fol 318 jirrizulta li Giuseppe sive Joseph Pace miet fil-15 ta' Frar, 1942.
[99] Ittra tal-Kummissarju tat-Taxxa datata t-30 ta' April, 1964 a fol 408 sa 417.

*fedekommess, jew ta' immobbli jew azzjonijiet li jkunu ta' jew li jmissu lil knejjes jew xi istituzzjoni pija.*

*(2) F'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin f'dawk l-artikoli, il-preskrizzjoni dwar il-ħwejjeġ u l-azzjonijiet imsemmijin fis-subartikolu (1) tagħlaq biss bl-egħluq ta' erbgħin sena, iżda ebda oppożizzjoni għal din il-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi.*

**Rigward l-Artikolu 2140**, jirriżulta ampjament li Francesca Pace, l-awtriċi tal-konvenuti, ċertament li ħaddnet u pposjediet bħala tagħha l-art in mertu li tirriżulta fil-pjanta annessa mar-rikors promutur kif ukoll f'dawk identiċi għalija annessi ma' diversi kuntratti oħrajn in atti, fosthom dak tas-17 ta' Lulju, 1995 in atti Nutar Paul Gorge Pisani[100] li bih Mary Jane Cassar, il-konvenuta oriġinali, akkwistat l-art tagħha b'donazzjoni mingħand l-istess Francesca Pace u dik mall-kuntratt tal-25 ta' Awwissu, 1967 in atti Nutar Alexander Grech li bih Francesca Pace u oħta Katerina Debrincat biegħu sehem mill-art lill-Gvern għat-twessiegħ ta' Triq it-Torri Tinghi.[101] Żewġ azzjonijiet magħmulha minn Francesca Pace – donazzjoni u bejgh – li lkoll jikkostitwixxu prova nkonfutabbli tal-pussess ta' Francesca Pace.

Dan jikkonfermawh ukoll diversi xhieda li jgħidu li fl-art in mertu jafu biss lill-aħwa Francesca Pace u Katerina Debrincat kif ukoll lil xi nies mil-Qala – nies Andreana Mizzi.

Jirriżulta wkoll li tali pussess inżamm minn Francesca Pace b'fidi tajba tant li fuq l-art in mertu dejjem ħallset iċ-ċens sa' ma fdietu u saħansitra meta dehret fuq il-kuntratt sabiex bieghet sehem mill-art lill-Gvern saret referenza għad-denunjza ta' missierha b'turija li t-twemmin tagħha kien ċertament li hemmhekk huwa tagħha.

B'dan mingħajr xejn ma' jintqal dwar il-fatt li l-atturi stess jammettu li meta miet kelb ta' l-attur Joseph Grima kienu ngħataw permess sabiex jidfnuh fl-art in mertu anke jekk ma' setgħux jagħmlu dan għaliex l-art, skonthom, kienet blat.

[100] Kuntratt a fol 33 u 34 bil-pjanta a fol 35.
[101] Kuntratt a fol 344 sa 355 bil-pjanta a fol 355.

Oltre minn hekk ebda prova ta' mala fede ma' nġiebet mill-parti kuntrarja.

Jirriżulta għalhekk a sodisfazzjon ta' din il-Qorti li Francesca Pace b'fidi tajba u b'titolu tajjeb sabiex jittrasferixxi proprjeta' ippossediet l-art in mertu u dan għal aktar minn 10 snin, anke jekk jitqies biss iż-żmien bejn il-kuntratt li sar mal-Gvern ta' Malta fl-1967 u l-intavolar tal-ewwel ittra ġudizzjarja fil-konfront ta' l-aventi kawża tagħha Mary Jane Cassar.[102]

L-iskrizzjoni tal-att tal-25 ta' Awwissu, 1967 kif rikjesta mis-subinċiż (2) tal-Artikolu 2140 tirriżulta mill-kopja tal-att inniffsu fejn fl-ewwel paġna a fol 344 hemm in-notament *"Ins: 26.8.67"*.

**Rigward l-Artikolu 2143**, jekk ukoll jittiehed biss in kunsiderazzjoni l-kuntratt tal-25 ta' Awwissu, 1967 in atti Nutar Alexander Grech, ukoll għaddew ftit aktar minn 35 sena sa ma' ġiet ippreżenta din il-kawża odjerna li ġiet ippreżentata fil-25 ta' Lulju, 2002. B'dan li jekk jiġu kkunsidrati l-ittri ġudizzjarji imsemmija fir-rikors promotur dawn ilkoll saru mis-sena 2000 'il quddiem fejn għalhekk xorta jirriżulta li għaddha t-terminu ta' 30 sena.

B'dan li Francesca Pace u Katerina Debrincat nee' Pace wirtu qabel dawn is-snin mil-poter ta' missierhom Giuseppe Pace li miet fil-15 ta' Frar, 1942[103] u l-wirt tiegħu, kif diġa ċitat qabel, ġie denunzjat bl-avviz numru tnax tas-sena 1944.

B'dan li jirriżulta wkoll sodisfatt l-Artikolu 2143.

**Rigward l-Artikolu 2144**, mill-assjem tal-provi konsidervoli li nġiebu għall-kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti ma' hemm xejn li jindika li l-art in mertu kienet soġġetta għal fedekommess.

Dwar jekk tistax titqies li kienet tal-knisja jew ta' xi istituzzjoni pija oħra, din il-Qorti tqies li ġjaladarba ċ-ċens gravanti l-istess kien perpetwu b'dan li setgħa dejjem jiġi mifdi kif fil-fatt ġie mifdi biċ-ċedola ta' fidi magħmulha mill-aħwa Francesca Pace u Katerina Debrincat u li ġiet

[102] Ittra gudizzjajra ta' Awwissu, 2000 - li mhijiex ezebita fil-forma necessarja taghha - a fol 277.
[103] Certifikat tal-mewt ta' Giuseppe Pace a fol 318.

sbankata fis-27 ta' Marzu, 1984[104] bl-immobbli ġie liberat; anqas jista l-immobbli *de quo* jitqies li kien tal-knisja li lilha kien jitħallas iċ-ċens u li aċċettat iċ-ċedola ta' fidi tiegħu bl-iżbank minnha tal-ammont depożitat favur tagħha. B'dan li allura ma' japplikax il-perijodu ta' 40 sena rikjest minn dan l-artikolu.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għal motivi ġia espressi , din il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad it-talbiet atturi, tilqa' l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenuti fin-nota tal-eċċezzjonijiet oriġinali tagħhom, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti fl-istess nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom kif konsistenti ma' din id-deċiżjoni u tiċħad l-eċċezzjoni kontenuta fir-risposta ulterjuri tal-konvenuti.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tal-atturi.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

[104] Nota ta' zbank a fol 333.